Nru./No. 21,352
Prezz/Price
€7.56

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**Il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru, 2024**
**Friday, 29th November, 2024**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 28,965 - 29,005
*Government Notices* ..... *28,965 - 29,005*

Avviżi tal-Pulizija ..... 29,005 - 29,009
*Police Notices* ..... *29,005 - 29,009*

Avviżi lill-Baħħara ..... 29,010
*Notices to Mariners* ..... *29,010*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 29,011 - 29,078
*Employment Opportunities* ..... *29,011 - 29,078*

Avviżi tal-Gvern ..... 29,079 - 29,087
*Notices* ..... *29,079 - 29,087*

Offerti ..... 29,088 - 29,093
*Tenders* ..... *29,088 - 29,093*

Avviżi tal-Qorti ..... 29,093 - 29,128
*Court Notices* ..... *29,093 - 29,128*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1666**

### NOMENKLATURA TA' MINISTRI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approvat it-tibdil li ġej fin-nomenklatura tal-Ministri msemmija hawn taħt, b'seħħ mis-26 ta' Novembru, 2024:

Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ għandu jissejjaħ Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu;

Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir għandu jissejjaħ Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika.

Is-26 ta' Novembru, 2024
(COF/503/2022)

**Nru. 1667**

### NOMENKLATURA TA' SEGRETARJI PARLAMENTARI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 88 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approvat it-tibdil li ġej fin-nomenklatura u l-qadi tal-funzjonijiet tas-Segretarju Parlamentari msemmi hawn taħt, b'seħħ mis-26 ta' Novembru, 2024:

Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika.

Is-26 ta' Novembru, 2024
(COF/504/2022)

**Nru. 1668**

### ASSENJAMENT LILL-MINISTRI TA' RESPONSABBILTÀ DWAR XOGĦOL TAL-GVERN TA' MALTA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, assenjat responsabbiltà dwar kull xogħol tal-Gvern ta' Malta, magħduda l-amministrazzjoni tad-

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1666**

### DESIGNATION OF MINISTERS

IN exercise of the powers conferred by article 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has approved the following changes in designation of Ministers, with effect from 26th November, 2024:

Deputy Prime Minister and Minister for Foreign and European Affairs and Trade to be changed to Deputy Prime Minister and Minister for Foreign Affairs and Tourism;

Minister for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour to be changed to Minister for the Environment, Energy and Public Cleanliness.

26th November, 2024

**No. 1667**

### DESIGNATION OF PARLIAMENTARY SECRETARIES

IN exercise of the powers conferred by Section 88 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has approved the following change in designation of Parliamentary Secretaries, with effect from 26th November, 2024:

Parliamentary Secretary for Public Cleanliness in the Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness.

26th November, 2024

**No. 1668**

### ASSIGNMENT TO MINISTERS OF RESPONSIBILITY FOR THE BUSINESS OF THE GOVERNMENT OF MALTA

IN exercise of the powers conferred by article 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has assigned the following business of the Government of Malta,

Dipartimenti tal-Gvern b'seħħ mis-26 ta' Novembru, 2024, kif ġej:

**Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu**

Turiżmu
Studji dwar it-Turiżmu

**Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika**

Indafa Pubblika u Manutenzjoni

**Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali**

Industrija tal-Films

Is-26 ta' Novembru, 2024
(COF/503/2022)

**Nru. 1669**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont il-poteri mogħtija minn Artikolu 49 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva għamel il-ħatriet li ġejjin fuq il-Kumitat tal-Appelli għall-Professjonijiet tas-Saħħa għal perjodu ta' tliet snin.

*President*
Dott. Kevin Mompalao

*Membru – Ex-officio*
Dott. Mario John Vassallo

*Chairperson – Ex-officio*
Il-Prof. Charmaine Gauci

*Membri*
Dott. Isabella Borg
Is-Sa Karen Vella Sciberras
Is-Sa Muriel Buttigieg
Is-Sur Pierre Demicoli

*Segretarju*
Dott. Anthony Gatt

Id-29 ta' Novembru, 2024

including the administration of Departments of Government with effect from 26th November, 2024, as follows:

**Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Foreign Affairs and Tourism**

Tourism
Tourism Studies

**Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness**

Public Cleansing and Maintenance

**Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government**

Film Industry

26th November, 2024

**No. 1669**

**HEALTH CARE PROFESSIONS ACT (CAP. 464)**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 49 of the Health Care Professions Act (Cap. 464), the Minister for Health and Active Ageing has made the following appointments on the Health Care Professionals Appeals Committee for a period of three years.

*President*
Dr Kevin Mompalao

*Member – Ex-officio*
Dr Mario John Vassallo

*Chairperson – Ex-officio*
Prof. Charmaine Gauci

*Members*
Dr Isabella Borg
Ms Karen Vella Sciberras
Ms Muriel Buttigieg
Mr Pierre Demicoli

*Secretary*
Dr Anthony Gatt

29th November, 2024

**Nru. 1670**

**ATT DWAR IL-MEDJAZZJONI**
**(KAP. 474)**

**Ħatra fuq l-Bord taċ-Ċentru tal-Medjazzjoni**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, Dr Vincent Micallef irriżenja minn chairperson taċ-Ċentru tal-Medjazzjoni mill-15 ta' Ottubru, 2024. Għaldaqstant, skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Medjazzjoni (Kap 474), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lil Dr Carlos Bugeja bħala chairperson taċ- Ċentru tal-Medjazzjoni. Din il-ħatra hija valida mill-20 ta' Novembru, 2024 b'effett għal erba' (4) snin.

Id-29 ta' Novembru, 2024

**No. 1670**

**MEDIATION ACT**
**(CAP. 474)**

**Appointment on the board of the Malta Mediation Centre**

IT is hereby notified for general information that, Dr Vincent Micallef resigned as chairperson of the Malta Mediation Centre as from 15th October, 2024. In this regard, according to article 7 of the Mediation Act (Cap. 474), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has appointed Dr Carlos Bugeja as chairperson of the Malta Mediation Centre. This appointment is valid from 20th November, 2024 for a period of four (4) years.

29th November, 2024

**Nru. 1671**

**AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Ħatra fuq il-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont l-artikolu 11(1) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kap. 623), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lil Perit Jesmond Mugliett bħala membru tal-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Din il-ħatra hija valida mill-20 ta' Novembru, 2024 sat-2 ta' Mejju, 2027.

Id-29 ta' Novembru, 2024

**No. 1671**

**BUILDING AND CONSTRUCTION AUTHORITY**

**Appointment on the Building and Construction Authority Board**

IT is hereby notified for general information that, as per article 11(1) of the Building and Construction Authority Act (Cap. 623), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has appointed Perit Jesmond Mugliett as member of the Building and Construction Authority Board. This appointment is effective from 20th November, 2024 until 2nd May, 2027.

29th November, 2024

**Nru. 1672**

**ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA**
**(KAP. 490)**

**Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, ġiet approvata l-ħatra tal-Assistent fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif ġej:

*Elenku dwar il-Komunikazzjonijiet*
Inġ. Andrè Cauchi
Is-sur Alexander Galea

għal perjodu ta' 4 snin mis-27 ta' Ġunju, 2024.

Id-29 ta' Novembru, 2024
(MJHA 166/2008/IV)

**No. 1672**

**ADMINISTRATIVE JUSTICE ACT**
**(CAP. 490)**

**Panels on the Administrative Review Tribunal**

IT is notified that in terms of the Administrative Justice Act, the appointment of Assistant within the Administrative Review Tribunal was approved as follows:

*Communications Panel*
Eng. Andrè Cauchi
Mr Alexander Galea

for a period of 4 years from the 27th June, 2024.

29th November, 2024

**Nru. 1673**

## ARTIKOLU 23 TAL-ATT DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ

### Ħatra tat-Tribunal għas-Saħħa u s-Sigurtà

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kullħadd illi, skond l-artikolu 23 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-xogħol, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar it-Tribunal għas-Saħħa u s-Sigurtà kif ġej:

*Chairperson*
Dott. Ilona Schembri

*Membri*
Dott. Jan chircop
Perit Roderick Spiteri

*Segretarja*
Sa Janelle Gauci

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' tliet (3) snin b'effett mis-26 ta' Novembru, 2024.

Id-29 ta' Novembru, 2024

**No. 1673**

## ARTICLE 23 OF HEALTH AND SAFETY AT WORK ACT

### Appointment of the Health and Safety Tribunal

IT is hereby notified for general information that, in accordance with article 23 of Health and Safety at Work Act, the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has appointed the Health and Safety Tribunal as follows:

*Chairperson*
Dr Ilona Schembri

*Members*
Dr Jan Chircop
Perit Roderick Spiteri

*Secretary*
Ms Janelle Gauci

These appointments are effective for a period of three (3) years as from 26th November, 2024.

29th November, 2024

**Nru. 1674**

## WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:-

*Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern barra minn Malta*

Farrugia, is-Sa Ruth Mary - Konslu Ġenerali fil-Konsulat Ġenerali ta' Malta f'Toronto, il-Kanada

Demanuele, is-Sa Gail - Senior Counsellor, Ambaxxata ta' Malta f'Berlin, il-Ġermanja

*Uffiċjali Pubbliċi/Impjegati Pubbliċi*

Vella, Surġent Loren – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Spiteri, Surġent Anne Marie – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Mifsud, Surġent Ivan – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Busuttil, Dott Bernard Anthony – Direttur tal-Investigazzjonijiet, il-Konformità u l-Infurzar, Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

*Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta*

Farrugia, Ms Ruth Mary - Consul General, Consulate General of Malta in Toronto, Canada

Demanuele, Ms Gail – Senior Counsellor, Embassy of Malta in Berlin, Germany

*Public Officers/Public Employees*

Vella, Sergeant Loren – Malta Police Force

Spiteri, Sergeant Anne Marie – Malta Police Force

Mifsud, Sergeant Ivan – Malta Police Force

Busuttil, Dr Bernard Anthony, Director of Investigations, Compliance and Enforcement, Commission for the Rights of Persons with Disability

Gilson, is-Sur Jason – Maniġer, Taqsima tal-Infurzar, Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

Portelli, is-Sur Clifford – Maniġer Assistenza għall-Klijenti, Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

*Avukati*
Conti, Dott Sergio

B'Awtorità
Jonathan Attard
*Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni*

Id-29 ta' Novembru, 2024
MJEG 21/2020/04

Gilson, Mr Jason – Manager, Enforcement Unit, Commission for the Rights of Persons with Disability

Portelli, Mr Clifford – Customer Care Manager, Commission for the Rights of Persons with Disability

*Advocates*
Conti, Dr Sergio

By Authority
Jonathan Attard
*Minister for Justice and Reform of the Construction Sector*

29th November, 2024

**Nru. 1675**

## ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI GĦAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva approva l-ħatra temporanja li ġejja:

**No. 1675**

## APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL HEALTHCARE SERVICES

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health and Active Ageing has approved the following acting appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Il-Prof. Charmaine Gauci | Aġent Direttur Ġenerali għas-Servizzi tas-Saħħa<br>*Acting Director General Healthcare Services* | Saħħa<br>*Health* | 2.12.2024 - 4.12.2024 |

Id-29 ta' Novembru, 2024

29th November, 2024

**Nru. 1676**

## ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

### Nomina ta' Nutar Konservatur

NGĦARRFU b'din illi ai termini tal-Artikolu 17 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kap. 55) u b'Digriet maħruġ mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili fid-19 ta' Novembru, 2024 (Rikors 1307/2024), ddikjarat li n-Nutar Dottor Maria Barbara waqfet milli teżerċita l-funzjoni tagħha bħala Nutar Pubbliku u għalhekk ħatret lin-Nutar Prinċipali tal-Gvern bħala Konservatur tagħha, tal-Atti kollha u testmenti pubbliċi u r-Reġistri rispettivi tagħhom.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
*Nutar Prinċipali tal-Gvern*

Id-29 ta' Novembru, 2024

**No. 1676**

## NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

### Appointment of Notary Keeper

IT is hereby notified that in virtue of Article 17 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act (Cap. 55) and by Decree issued by the Court of Revision of Notarial Acts on the 19th November, 2024 (Application 1307/2024), declared that Notary Doctor Maria Barbara ceased to exercise her profession of Notary Public and therefore appointed the Chief Notary to Government as her Notary Keeper, of all deeds and public wills and their respective Registers.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
*Chief Notary to Government*

29th November, 2024

**Nru. 1677**

## UFFIĊĊJU TAL-KAP ARALDU TAL-ARMI TA' MALTA

### Regolamenti dwar l-Araldika u l-Ġenealoġija

NGĦARRFU illi bis-saħħa tal-provvediment tal-artiklu 9(2) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Araldika u l-Ġenealogija (A.L. 489 tal-2021) (L.S. 445.07), Il-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta jgħarraf illi l-persuni msemmija aktar 'l isfel applikaw għall-Konċessjoni/Reġistrazzjoni ta' Armi mill-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

Kulħadd jista' jgħarraf lil Kap Araldu tal-Armi ta' Malta sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata (21) wara l-pubblikazzjoni ta' rapreżentazzjonijiet validi u konklużivi favur jew kontra l-applikazzjoni. Dawn ir-rapreżentazzjonijiet għandhom jkunu indirizzati lir-Reġistratur jew bil-miktub jew permezz tal-posta reġistrata lill-Uffiċċju tal-Kap Araldu jew b'mod elettroniku permezz ta' email fuq l-indirizz tal-email (chiefherald@gov.mt).

**Addizzjonali għal G0118: to Jeep, Col. Edward Louis (USA)**

Standard: Ta' erba jardi, bil-frenża compony lewn il-Fidda w Iswed bit-tarf li jittajjar jiġi fit-tond, l-Armi fil-parti ta' ma l-arblu, il-bażi tal-istandard (livery) lewn il-Fidda hi maqsuma fi tlieta minn żewġ faxex transversali ta' lewn Iswed li jġorru l-motto Semper Fidelis, u fil-parti tan-naħa Dexter hemm Badge fejn In Pale hemm ir-rix ta' demb tajra magħrufa bħala Black Grouse ta' lewn naturali mdawra minn kuruna dukali ta' lewn Aħdar li fuqha hemm tlett mitri ta' isqof lewn id-Deheb, u fuq in naħa Sinister hemm it-tieni Badge, taħt kuruna navali lewn id-Deheb u msallba f'Saltire vleġġa ta' lewn Aħdar bir-rix il-fuq lejn in naħa Sinister u Femur uman ta' lewn Naturali bir-ras imdawwra wkoll lejn in-naħa Sinister.

**G0124: Prof. Luigi Gerard Martini (UK)**

Lewn Aħmar tlett kuruni antiki lewn id-Deheb (2,1) kollha ġewwa bordura tal-istess Lewn. Fuq it-tarka, elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Aħmar u lewn id-Deheb minn taħt, u li għandu bħala Kresta, fuq girlanda tal-istess ilwien, u ġewwa kuruna taż-żebbuġ lewn Aħdar u Deheb bil-frott Aħdar u Iswed, meħrież u lida lewn id-Deheb.

**Motto: Solum fortes procedunt**

**G0126: Mary Josephine Therese Costello (UK)**

l-Armi fuq ovali ta' lewn Iswed, fil-bażi, fuq tarka żgħira (escutcheon) lewn id-Deheb tlett imqaret (Lozenges) ta' lewn

**No. 1677**

## OFFICE OF THE CHIEF HERALD OF ARMS OF MALTA

### Heraldry and Genealogy Regulations

IN terms of the proviso to article 9(2) of the Heraldry and Genealogy Regulations 2021 (L.N. 489 of 2021) (S.L. 445.07), the Chief Herald of Arms of Malta hereby notifies that the persons listed hereunder have applied for the provision/registration of heraldic arms from the Office of the Chief Herald of Arms of Malta.

Anyone is to inform the Chief Herald of Arms of Malta by not later than twenty one (21) days after publication of any valid and cogent representations for or against the application. Such representations shall be addressed to the Registrar either in writing by means of registered mail to the Office of the Chief Herald or electronically by means of email to the email address (chiefherald@gov.mt).

**Additional to G0118: to Jeep, Col. Edward Louis (USA)**

Standard: Of four yards in length fringed compony Argent and Sable rounded in the fly, the Arms in the hoist, the livery field Argent is split into three by two transverse bands Sable bearing the motto Semper Fidelis , in the dexter part is a Badge, in pale the tail feathers of a black grouse proper enfiled by a ducal coronet Vert charged with three Bishop's mitres Or, in the sinister part is a second Badge, below a naval crown Or in saltire an arrow Vert flighted upwards to sinister and a human femur proper, its head rotated upwards also to sinister.

**G0124: Prof. Luigi Gerard Martini (UK)**

Gules three antique crowns Or (2,1) all within a bordure of the Same , above the shield a helm befitting his degree with mantling Gules doubled Or, bearing for a Crest, upon a torse of the liveries and within a wreath of Olive Vert and Or fructed Vert and Sable a mortar and pestle Or .

**Motto: Solum fortes procedunt**

**G0126: Mary Josephine Therese Costello (UK)**

Arms borne on an oval Sable, in base upon an escutcheon Or, three lozenges Azure (2,1), the chief two bearing a castle

Ikħal (2,1) it-tnejn taċ-Chief juru kastell lewn id-Deheb bi tlett torrijiet u bit-twieqi u x-xatba lewn Ikħal. Dak fil-bażi juri galera bl-imqadef fl-azzjoni u bil-qlugħ imniżżla kollha lewn id-Deheb.

Fiċ-Chief, ħierġa minn ġewwa kastell bil-ġebel ta' lewn Naturali hemm siġra eradikata ta' lewn Naturali.

**Motto: Audaces Fortuna Juvat**

Dr Charles A. Gauci
Kap Araldu tal-Armi ta' Malta

Id-29 ta' Novembru, 2024

of the First with three towers of the Same, windows and gate of the Field, the one in base bearing galley with oars in action and sails unfurled of the First.

In chief issuant from a castle tower masoned proper a tree eradicated proper

**Motto: Audaces Fortuna Juvat**

Dr Charles A. Gauci
*Chief Herald of Arms of Malta*

29th November, 2024

**Nru. 1678**

**ĦATRA TA'AĠENT KUMMISSARJU TAT-TAXXI U D-DWANA**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

**No. 1678**

**APPOINTMENT OF ACTING COMMISSIONER FOR TAX AND CUSTOMS**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance, has approved the following acting appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Shawn Agius | Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana<br>*Commissioner for Tax and Customs* | Uffiċċju tal-Kummissarju<br>*Office of the Commissioner* | 3.12.2024 - 4.12.2024<br>11.12.2024 - 14.12.2024 |

Id-29 ta' Novembru, 2024

29th November, 2024

**Nru. 1679**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Paul Callus bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Keith German u dan għall-perjodu bejn l-1 ta' Diċembru, 2024 u l-5 ta' Diċembru, 2024.

Illum it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

**No. 1679**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Paul Callus to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Keith German for the period between the 1st December, 2024 and the 5th December, 2024.

Today Tuesday, 26th November, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

**Nru. 1680**

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

### Skema għall-Manutenzjoni ta' Dgħajsa Tradizzjonali (2024)

L-GĦAN ta' din l-iskema huwa li tipprovdi appoġġ finanzjarju lis-sidien tal-bastimenti fir-rigward tal-manutenzjoni tal-bastimenti li jaqgħu taħt l-iSkema għall-Manutenzjoni ta' Dgħajsa Tradizzjonali.

Permezz ta' din l-iskema, sidien ta' bastimenti tas-sajd mibnija esklussivament minn injam li huma rreġistrati fil-kategoriji professjonali (MFA/MFB), u li nbnew fl-2007 jew qabel, għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju biex jgħinu fil-manutenzjoni ta' dawn il-bastimenti u l-preservazzjoni tal-valur kulturali tagħhom. L-appoġġ finanzjarju għandu jkun limitat skont id-daqs tal-bastiment/i. In-nefqa eliġibbli tista' tintalab biss mal-preżentazzjoni ta' rċevuti fiskali u/jew fatturi validi.

**1. Definizzjonijiet**

F'din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali.

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Sajd u l-Akkwakultura.

"Sid/sidien" tfisser il-persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/i li taħtha/hom hija rreġistrata/i s-sjieda ta' bastiment tas-sajd.

"Applikant" għandha l-istess tifsira bħal "sid".

**2. Min hu eliġibbli għal din l-għajnuna?**

Bastiment/i rreġistrati MFA u/jew MFB biss għandhom jitqiesu bħala eliġibbli.

Il-bastiment/i li jaqgħu taħt l-iSkema għall-Manutenzjoni ta' Dgħajsa Tradizzjonali u li huma rreġistrati bħala tali mad-DFA biss għandhom jitqiesu bħala eliġibbli.

Din il-miżura se tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta'

**No. 1680**

## MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

### Traditional Boat Maintenance Scheme (2024)

THE aim of this scheme is to provide financial support to vessel owners in relation to the maintenance of vessels which fall under the Traditional Boat Maintenance Scheme.

Through this scheme, owners of fishing vessels constructed exclusively of wood which are registered in the professional categories (MFA/MFB), and which were constructed in 2007 or before, shall be eligible for financial support to assist in the maintenance of these vessels and the preservation of their cultural value. Financial support shall be capped according to the size of the vessel/s. Eligible expenditure can only be claimed upon presentation of valid fiscal receipts and/or invoices.

**1. Definitions**

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for Agriculture, Fisheries, and Animal Rights.

"Director" means the Director responsible for Fisheries and Aquaculture.

"Owner/s" means the natural or legal person/s under whom the ownership of a fishing vessel is registered.

"Applicant" carries the same meaning as "owner".

**2. Who is eligible for such assistance?**

Only MFA and/or MFB registered vessel/s shall be considered as being eligible.

Only vessel/s falling under the Traditional Boat Maintenance Scheme and registered as such with the DFA shall be considered as being eligible.

This measure will be implemented in line with the provisions of Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45) as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application

applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414, 9.12.2020, p. 15), u kif emendat ulterjorment bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022, p.8) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023). Id-DFA għandu jitlob dikjarazzjoni ffirmata mill-impriża kkonċernata dwar kwalunkwe għajnuna de minimis oħra riċevuta matul is-sentejn fiskali preċedenti u s-sena fiskali attwali. L-applikazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli sakemm ma jiġux issodisfati d-dispożizzjonijiet regolatorji ta' hawn fuq.

**3. Kif persuna takkwista d-dritt għal din l-għajnuna?**

Is-sidien tal-bastimenti eliġibbli għandhom jimlew formola tal-applikazzjoni biex jirreġistraw formalment l-interess tagħhom f'din l-iskema. Id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha għandhom jiġu pprovduti skont l-istruzzjonijiet ipprovduti fil-formola tal-applikazzjoni.

Applikanti interessati huma mħeġġa jimlew il-formola tal-applikazzjoni bid-dokumentazzjoni meħtieġa u mbagħad jirritornawha bl-idejn lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura sa mhux aktar tard mit-03/12/2024, sakemm ma jiġix notifikat mod ieħor mid-DFA.

L-applikanti eliġibbli kollha għandhom jiġu nnotifikati permezz ta' ittra uffiċjali.

Il-pagamenti għandhom jiġu pproċessati f'lott wieħed, wara s-sottomissjoni ta' rċevuti fiskali u/jew fatturi validi dettaljati b'ritratt tax-xogħol ta' manutenzjoni li jkun sar fuq il-bastiment jew ritratt tal-materjali mixtrija relatati mar-restawr tal-bastiment.

Wara l-ivvettjar tal-irċevuti, l-applikanti kollha jirċievu l-ammonti sottomessi fil-kont bankarju personali tagħhom.

**4. Kif jiġi kkalkulat l-appoġġ**

L-allokazzjoni finanzjarja massima għandha tiġi kkalkulata fuq it-tul tal-bastiment irreġistrat f'metri skont il-kategoriji ta' tul definiti minn qabel, b'kull waħda minnhom ikollha valur finanzjarju korrispondenti.

and other relevant adjustments (OJ L 414, 9.12.2020, p. 15), and as further amended by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022, p.8) and by Commission Regulation (EU) 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023). The DFA shall request for a signed declaration from the undertaking concerned about any other de minimis aid received during the previous two fiscal years and the current fiscal year. Applications shall not be considered as eligible unless the above regulatory provisions are met.

**3. How does a Person Acquire the Right for this Assistance?**

Eligible vessel owners should fill in an Application Form to formally register their interest in this scheme. All declarations and documentation should be provided as per instructions provided in the Application Form.

Interested applicants are encouraged to fill in the Application Form with the necessary documentation and then return it by hand to the Department of Fisheries and Aquaculture by not later than the 03/12/2024, unless otherwise notified by the DFA.

All eligible applicants shall be notified via an official letter.

Payments shall be processed in a single batch, following the submission of itemised valid fiscal receipts and/or invoices with a photo of the maintenance work done on the vessel or a photo of the materials purchased related to the restoration of the vessel.

Following the vetting of receipts, all applicants will receive their submitted amounts in their personal bank account.

**4. How support is calculated**

The maximum financial allocation shall be calculated on the registered vessel's length in meters as per below pre-defined length categories, each having a corresponding financial value.

Fl-ebda ċirkostanza ma għandu l-valur tal-appoġġ massimu riċevut jaqbeż il-valur stipulat. Il-valur totali tal-għajnuna pprovduta għandu jkun limitat għal dan il-limitu predefinit.

| | Tul tal-bastiment f'metri | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kategorija | Minimu | Massimu | Spiża massima tal-materjal (€) | Spiża massima tax-xogħol (€) | Appoġġ massimu totali (€) |
| 1 | 0 | 5.99 | 890 | 400 | 1,290 |
| 2 | 6.00 | 8.00 | 1,290 | 510 | 1,800 |
| 3 | 8.01 | ∞ | 1,780 | 730 | 2,510 |

Barra minn hekk, biex bastiment ikun eliġibbli għall-għajnuna, jeħtieġ li jkun ġie rreġistrat ammont ta' bejgħ kumulattiv medju minimu ta' EUR1,164.69 matul l-2021, l-2022 u l-2023.

Wara l-aħħar sottomissjoni ta' riċevuti u/jew fatturi, l-applikanti eliġibbli ma jkunu intitolati bl-ebda mod għal xi bilanċ pendenti mhux mitlub.

Is-sid/sidien tal-bastiment fil-pussess ta' aktar minn bastiment eliġibbli wieħed għandu/għandhom ikun/ikunu intitolat/a li japplika/japplikaw għal bastimenti multipli, liema appoġġ finanzjarju mbagħad għandu jiġi kkalkulat skont l-istess prinċipji kif stipulat fl-iskeda ta' hawn fuq, skont il-kategorija applikabbli.

L-għotja tista' tintuża biss għal darba (għal kull bastiment), mill-applikant (is-sid primarju rreġistrat) li huwa s-sid tal-bastiment/i.

Id-DFA tirriżerva d-dritt li tirrevedi l-valur massimu eliġibbli totali ta' appoġġ jekk meħtieġ.

**5. Fiex tikkonsisti din l-għajnuna?**

Din il-miżura se tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414, 9.12.2020, p. 15), u kif emendat ulterjorment bir-

In under no circumstance shall the value of maximum support received exceed the stipulated value. The total value of aid provided shall be capped to this pre-defined limit.

| | Vessel Length in Metres | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Category | Minimum | Maximum | Maximum Material cost (€) | Maximum Labour cost (€) | Total Maximum Support (€) |
| 1 | 0 | 5.99 | 890 | 400 | 1,290 |
| 2 | 6.00 | 8.00 | 1,290 | 510 | 1,800 |
| 3 | 8.01 | ∞ | 1,780 | 730 | 2,510 |

Furthermore, for a vessel to be eligible for aid, a minimum average cumulative sales amount of EUR1,164.69 needs to have been registered during 2021, 2022 and 2023.

Following the last submission of receipts and/or invoices, eligible applicants shall not be entitled in any manner for any pending unclaimed balance.

Vessel owner/s in possession of more than one eligible vessel shall be entitled to apply for multiple vessels, which financial support shall then be calculated following the same principles as stipulated in the above schedule, depending on the applicable category.

The Grant can only be availed of/applied for once (per vessel), by the applicant (registered primary owner) owning the vessel/s.

The DFA reserves the right to revise the total Eligible Maximum support value if required.

**5. What does such assistance consist of?**

This measure will be implemented in line with the provisions of Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45) as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414, 9.12.2020, p. 15), and as further amended by

Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022, p.8) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023). Id-DFA għandu jitlob dikjarazzjoni ffirmata mill-impriża kkonċernata dwar kwalunkwe għajnuna de minimis oħra riċevuta matul is-sentejn fiskali preċedenti u s-sena fiskali attwali. L-applikazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli sakemm ma jiġux issodisfati d-dispożizzjonijiet regolatorji ta' hawn fuq.

In-nefqa li ġejja jew nefqa simili biss għandha titqies bħala eliġibbli:

Żebgħa dekorattiva, protettiva u antifouling (jew simili);
Injam solidu, laminat, folji tal-plywood (jew simili);

Imsiemer, boltijiet, rivets u viti tar-ram (jew simili);
Kolla, epossi, siġillanti u siment tar-reżina (caulking) (jew simili);
Żejt tal-magna;
Ilma għall-magna;
Filters tal-magna;
Tank tal-fjuwil;
Partijiet tal-magni tal-baħar;
Wiring tal-elettriku;
Blokki tal-Fuse tal-Baħar;
Switches tal-baħar;
Bozoz; u
Fittings tad-dawl tal-bastiment adattati għall-baħar.

In-nefqiet li ġejjin jew nefqiet simili għandhaom titqies bħala mhux eliġibbli:

Tagħmir (jew simili); u
Għodod elettriċi jew manwali (jew simili).

Id-DFA tirriżerva d-dritt li tiddetermina kemm huma eliġibbli l-irċevuti sottomessi u/jew il-fatturi/in-nefqa mitluba, skont il-parametri stipulati hawn fuq.

L-infiq kollu eliġibbli għandu jkun soġġett għall-iskrutinju, l-interpretazzjoni u l-aċċettazzjoni tad-DFA. Deċiżjoni dwar in-nefqa stabbilita bħala eliġibbli jew mhux eliġibbli mid-Dipartiment għandha titqies bħala finali.

**6. Kif għandu jitħallas?**

Il-ħlas se jiġi pproċessat u mħallas fil-kont bankarju tal-applikant.

Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022, p.8) and by Commission Regulation (EU) 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023). The DFA shall request for a signed declaration from the undertaking concerned about any other de minimis aid received during the previous two fiscal years and the current fiscal year. Applications shall not be considered as eligible unless the above regulatory provisions are met.

Only the following or similar expenditure shall be considered as being eligible:

Decorative, protective and antifouling paint (or similar);
Solid, laminated, plywood wood sheets and planks (or similar);
Copper nails, bolts, rivets and screws (or similar);
Glues, epoxy, sealant and caulking (or similar);

Engine oil;
Water for engine;
Engine filters;
Fuel tank;
Marine Engine parts;
Electrical wiring;
Marine Fuse blocks;
Marine Switches;
Bulbs; and
Vessel light marine fittings

The following or similar expenditure shall be considered as being non eligible:

Equipment (or similar); and
Power tools and hand tools (or similar)

The DFA reserves the right to determine the eligibility of submitted receipts and/or invoices/claimed expenditure, as per parameters stipulated above.

All expenditure eligibility shall be subject to the scrutiny, interpretation, and acceptance of the DFA. A decision on expenditure determined as being eligible or non-eligible by the Department shall be deemed as final.

**6. How shall it be paid?**

The payment will be processed and paid via the applicants' bank account.

Sid/sidien ta' bastimenti rreġistrati li jibbenefikaw minn din l-iskema ma jistgħux jiddekummissjonaw il-bastiment tagħhom għal perjodu ta' 5 snin wara d-data tal-aċċettazzjoni tal-appoġġ sakemm l-appoġġ riċevut ma jingħatax lura kompletament lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura mill-applikant/sidien li jibbenefikaw minn din l-iskema. Jekk matul il-perjodu ta' 5 snin id-dgħajsa tinbiegħ jew tiġi trasferita, l-applikant/is-sid oriġinali għandu jibqa' legalment responsabbli mill-azzjonijiet imġarrba.

7. Kull meta tingħata informazzjoni falza jew fin-nuqqas ta' konformita' mad-dispożizzjonijiet ta' l-iskema

Kwalunkwe dikjarazzjoni falza għandha tiġi definita bħala reat kriminali. L-applikant għandu jinżamm personalment responsabbli li jrodd lura kull flejjes li jirċievi jekk il-pagamenti jkunu diġa ġew ipproċessati. Wieħed ikun ukoll awtomatikament skwalifikat mill-iskema. Din il-klawsola m'għandhiex terminu applikabbli u għandha tibqa' fis-seħħ b'mod indefinit.

**8. Tul ta' żmien tal-iskema**

Din hija skema ġdida li qed titnieda fis-sena 2024. Ser jkollha perjodu ta' ġimgħatejn biex l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi lid-Dipartiment għas-Sajd u l-Akwakultura. Il-perjodu għall-irċevuti u/jew l-irċevuti eliġibbli huwa ta' 13-il xahar. Perjodu ieħor ta' ġimgħatejn se jippermetti lill-applikanti jissottomettu l-irċevuti u/jew il-fatturi tagħhom.

L-irċevuti u/jew il-fatturi għandhom jitqiesu bħala validi biss jekk id-data tan-nefqa mġarrba/irċevuta/fattura taqa' bejn il-perjodu 29/11/2023 u 31/12/2024.

**9. Emendi għall-iskema**

Il-Ministru għandu jagħmel l-emendi meħtieġa għal din l-iskema billi jippubblika l-imsemmija emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

Id-29 ta' Novembru, 2024

**Nru. 1681**

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

**Skema ta' Inċentivi għas-Sajd Sostenibbli (2024)**

L-GĦAN ta' din l-iskema huwa li tinkoraġġixxi u tħeġġeġ lis-sidien tal-bastimenti biex jixtru u jinvestu f'tagħmir tas-sajd sostenibbli. L-oġġettiv primarju ta' din l-inizjattiva huwa li jitnaqqsu l-effetti ambjentali negattivi li jirriżultaw minn attivitajiet tas-sajd, filwaqt li tiġi promossa l-protezzjoni tal-ħabitati tas-sajd.

Registered vessel owner/s benefitting from this scheme cannot decommission their vessel for a period of 5 years following the date of acceptance of support unless support received is entirely refunded back to the Department of Fisheries and Aquaculture by the applicant/owners benefitting from this scheme. If during the 5-year period the boat is sold or transferred, the original applicant/owner shall remain legally responsible of actions incurred.

7. Whenever false information is given or failure to conform to the provisions of the scheme

Any false declaration/s shall be defined as being a criminal offence. The applicant shall be held personally liable to return any monies received if payments would have already been processed. One will also be automatically disqualified from the scheme. This clause does not have an applicable time limit and shall remain in force indefinitely.

**8. Duration of the scheme**

This is a new scheme which is being launched in year 2024. It will have a 2-week period for applications to be submitted to the Department for Fisheries and Aquaculture. The period for receipts and/or invoices eligibility is of 13 months. Another 2-week period will allow applicants to submit their receipts and/or invoices.

Receipts and/or invoices shall only be considered as valid if the expenditure incurred/receipt/invoice date falls between the period 29/11/2023 and 31/12/2024.

**9. Amendments to the scheme**

The Minister shall make the necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

29th November, 2024

**No. 1681**

**MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS**

**Sustainable Fishing Incentive Scheme (2024)**

THE aim of this scheme is to incentivise and encourage vessel owners to purchase and invest in sustainable fishing gear. This initiative's primary objective is to reduce the adverse environmental effects resulting from fishing activities, while also promoting the protection of fishing habitats.

Permezz ta' din l-iskema, is-sidien tal-bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-kategoriji professjonali (MFA/MFB) se jkunu eliġibbli għal għajnuna finanzjarja biex jitħallsu parzjalment l-ispejjeż tat-tagħmir tas-sajd magħmul minn materjal sostenibbli. L-għajnuna finanzjarja se tkun limitata skont il-kategorija u t-tul tal-bastiment/i. L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jintalbu biss permezz tal-preżentazzjoni ta' irċevuti fiskali validi.

**1. Definizzjonijiet**

F'din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali.

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Sajd u l-Akkwakultura.

"Sid/sidien" tfisser il-persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/i li taħtha/hom hija rreġistrata/i s-sjieda ta' bastiment tas-sajd.

"Applikant" għandha l-istess tifsira bħal "sid".

**2. Min hu eliġibbli għal din l-għajnuna?**

Bastiment/i rreġistrati MFA u/jew MFB biss għandhom jitqiesu bħala eliġibbli.

Din il-miżura se tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414, 9.12.2020, p. 15), u kif emendat ulterjorment bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022, p.8) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023). Id-DFA għandu jitlob dikjarazzjoni ffirmata mill-impriża kkonċernata dwar kwalunkwe għajnuna de minimis oħra riċevuta matul is-sentejn

Through this scheme, owners of fishing vessels registered in the professional categories (MFA/MFB), shall be eligible for financial support to partially reimburse the cost of purchased fishing gear manufactured from sustainable material. Financial support shall be capped according to the category and length of the vessel/s. Eligible expenditure can only be claimed upon presentation of valid fiscal receipts and/or invoices.

**1. Definitions**

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for Agriculture, Fisheries, and Animal Rights.

"Director" means the Director responsible for Fisheries and Aquaculture.

"Owner/s" means the natural or legal person/s under whom the ownership of a fishing vessel is registered.

"Applicant" carries the same meaning as "owner".

**2. Who is eligible for such assistance?**

Only MFA and/or MFB registered vessel/s shall be considered as being eligible.

This measure will be implemented in line with the provisions of Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45) as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414, 9.12.2020, p. 15), and as further amended by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022, p.8) and by Commission Regulation (EU) 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023). The DFA shall request for a signed declaration from the undertaking concerned about any other de minimis aid received during the previous two fiscal years and the current fiscal year.

fiskali preċedenti u s-sena fiskali attwali. L-applikazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli sakemm ma jiġux issodisfati d-dispożizzjonijiet regolatorji ta' hawn fuq.

**3. Kif persuna takkwista d-dritt għal din l-għajnuna?**

Is-sidien tal-bastimenti eliġibbli għandhom jimlew formola tal-applikazzjoni biex jirreġistraw formalment l-interess tagħhom f'din l-iskema. Id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha għandhom jiġu pprovduti skont l-istruzzjonijiet ipprovduti fil-formola tal-applikazzjoni.

Applikanti interessati huma mħeġġa jimlew il-formola tal-applikazzjoni bid-dokumentazzjoni meħtieġa u mbagħad jirritornawha bl-idejn lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura sa mhux aktar tard mit-03/12/2024, sakemm ma jiġix notifikat mod ieħor mid-DFA.

L-applikanti eliġibbli kollha għandhom jiġu nnotifikati permezz ta' ittra uffiċjali.

Il-pagamenti għandhom jiġu pproċessati f'lott wieħed, wara s-sottomissjoni ta' rċevuti fiskali u/jew fatturi validi dettaljati b'ritratt tax-xogħol ta' manutenzjoni li jkun sar fuq il-bastiment jew ritratt tal-materjali mixtrija relatati mar-restawr tal-bastiment.

Wara l-ivvettjar tal-irċevuti, l-applikanti kollha jirċievu l-ammonti sottomessi fil-kont bankarju personali tagħhom.

**4. Kif jiġi kkalkulat l-appoġġ**

L-allokazzjoni finanzjarja massima għandha tiġi kkalkulata fuq it-tul tal-bastiment irreġistrat f'metri skont il-kategoriji ta' tul definiti minn qabel, b'kull waħda minnhom ikollha valur finanzjarju korrispondenti.

Fl-ebda ċirkostanza ma għandu l-valur tal-appoġġ massimu riċevut jaqbeż il-valur stipulat. Il-valur totali tal-għajnuna pprovduta għandu jkun limitat għal dan il-limitu predefinit.

Applications shall not be considered as eligible unless the above regulatory provisions are met.

**3. How does a Person Acquire the Right for this Assistance?**

Eligible vessel owners should fill in an Application Form to formally register their interest in this scheme. All declarations and documentation should be provided as per instructions provided in the Application Form.

Interested applicants are encouraged to fill in the Application Form with the necessary documentation and then return it by hand to the Department of Fisheries and Aquaculture by not later than the 03/12/2024, unless otherwise notified by the DFA.

All eligible applicants shall be notified via an official letter.

Payments shall be processed in a single batch, following the submission of itemised valid fiscal receipts and/or invoices with a photo of purchased products as evidence.

Following the vetting of receipts, all applicants will receive their submitted amounts in their personal bank account.

**4. How support is calculated**

The maximum financial allocation shall be calculated on the registered vessel's category and length in meters as per below pre-defined criteria, each having a corresponding financial value.

In under no circumstance shall the value of maximum support received exceed the stipulated value. The total value of aid provided shall be capped to this pre-defined limit.

| **MFA** | **Tul tal-bastiment f'metri** | | |
|---|---|---|---|
| **Kategorija** | **MIN** | **MAX** | **Appoġġ massimu totali għal kull bastiment eliġibbli - (€) eskluż il-VAT** |
| **1** | 0.00 | 5.99 | 250 |
| **2** | 6.00 | 8.00 | 300 |
| **3** | 8.01 | ∞ | 350 |

| **MFA** | **Vessel Length in Metres** | | |
|---|---|---|---|
| **Category** | **MIN** | **MAX** | **Maximum Support per eligible Vessel - (€) Excluding VAT** |
| **1** | 0.00 | 5.99 | 250 |
| **2** | 6.00 | 8.00 | 300 |
| **3** | 8.01 | ∞ | 350 |

| MFB | Tul tal-bastiment f'metri | | |
|---|---|---|---|
| Kategorija | MIN | MAX | Appoġġ massimu totali għal kull bastiment eliġibbli - (€) eskluż il-VAT |
| 1 | 0.00 | 5.99 | 125 |
| 2 | 6.00 | 8.00 | 150 |
| 3 | 8.01 | ∞ | 175 |

| MFB | Vessel Length in Metres | | |
|---|---|---|---|
| Category | MIN | MAX | Maximum Support per eligible Vessel - (€) Excluding VAT |
| 1 | 0.00 | 5.99 | 125 |
| 2 | 6.00 | 8.00 | 150 |
| 3 | 8.01 | ∞ | 175 |

| | A | B | A x B |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni tal-oġġett | Il-Valur tal-Għajnuna għal kull unità (Eskluż il-VAT) | L-Ammont tat-talba | It-Total tal-Għajnuna |
| Ħabel tal-qanneb jew kwalunkwe tip ta' ħabel ieħor bi proprjetajiet degradabbli | 0mm sa 12mm - €1.17 kull metru | | |
| | > 12.01mm - €4.71 kull metru | | |
| Nases magħmulin minn materjal ambjentalment sostenibbli | €30 kull nassa | | |
| Rix bijodegradabbli | €4.10 kull rixa | | |
| Piżijiet mhux tossiċi tas-sajd | €30.90 kull kilo | | |
| Pariti tas-sajd b'nisġa ta' 33mm jew aktar | €0.20 kull metru kwadru | | |
| Snanar Tondi (Circle Hooks) | €0.55 kull sunnara | | |
| Pinger | €500 kull unità | | |
| | | | |
| Total tal-Għajnuna: | | | |

| | A | B | A x B |
|---|---|---|---|
| Description of item | Aid Value per unit (Exc VAT) | Quantity to be claimed | Total Aid |
| Hemp rope or any other rope with degradable properties | 0mm to 12mm - €1.17 per meter | | |
| | > 12.01mm - €4.71 per meter | | |
| Fishing pots made out of environmentally sustainable material | €30 per pot | | |
| Biodegradable fishing lures | €4.10 per lure | | |
| Non-toxic fishing weights (not made out of lead) | €30.90 per kilo | | |
| Fishing trammel nets with thicker braiding from 33mm upwards | €0.20 per meter squared | | |
| Circle hooks | €0.55 per hook | | |
| Pingers | €500 per unit | | |
| | | | |
| Total Aid: | | | |

Barra minn hekk, sabiex bastiment ikun eliġibbli għall-għajnuna, għandu jkun irreġistrat ammont kumulattiv ta' bejgħ medju minimu ta' €1,164.69 matul is-snin 2021, 2022 u 2023.

Wara l-aħħar sottomissjoni ta' irċevuti u/jew fatturi, l-applikanti eliġibbli ma jkunux intitolati b'ebda mod għal xi bilanċ pendenti mhux mitlub.

Sid/sidien tal-bastimenti li jkunu fil-pussess ta' aktar minn bastiment wieħed eliġibbli jkunu intitolati li japplikaw għal diversi bastimenti, u l-għajnuna finanzjarja tiġi kkalkulata skont l-istess prinċipji stipulati fil-iskeda ta' hawn fuq, skont il-kategorija applikabbli.

Il-Għotja tista' tintalab/u tiġi applikata darba biss (kull bastiment) mill-applikant (sid primarju reġistrat) li għandu l-pussess tal-bastiment/i.

Id-DFA jirriżerva d-dritt li jirrevedi l-valur massimu totali tal-għajnuna eliġibbli skond kif ikun meħtieġ.

**5. Fiex tikkonsisti din l-għajnuna?**

Din il-miżura se tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414, 9.12.2020, p. 15), u kif emendat ulterjorment bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2514 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu (ĠU L 326, 21.12.2022, p.8) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-għajnuna de minimis għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu u kwistjonijiet oħra (ĠU L, 2023/2391, 05.10.2023). Id-DFA għandu jitlob dikjarazzjoni ffirmata mill-impriża kkonċernata dwar kwalunkwe għajnuna de minimis oħra riċevuta matul is-sentejn fiskali preċedenti u s-sena fiskali attwali. L-applikazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli sakemm ma jiġux issodisfati d-dispożizzjonijiet regolatorji ta' hawn fuq.

L-applikant ikollu l-possibbiltà li japplika għal rimbors parzjali tal-ispejjeż tat-tagħmir tas-sajd ambjentali favur l-ambjent. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jaqgħu taħt

Furthermore, for a vessel to be eligible for aid, a minimum average cumulative sales amount of EUR1,164.69 needs to have been registered during 2021, 2022 and 2023.

Following the last submission of receipts and/or invoices, eligible applicants shall not be entitled in any manner for any pending unclaimed balance.

Vessel owner/s in possession of more than one eligible vessel shall be entitled to apply for multiple vessels, which financial support shall then be calculated following the same principles as stipulated in the above schedule, depending on the applicable category.

The Grant can only be availed of/applied for once (per vessel), by the applicant (registered primary owner) owning the vessel/s.

The DFA reserves the right to revise the total Eligible Maximum support value if required.

**5. What does such assistance consist of?**

This measure will be implemented in line with the provisions of Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45) as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414, 9.12.2020, p. 15), and as further amended by Commission Regulation (EU) 2022/2514 of 14 December 2022 amending Regulation (EU) No 717/2014 as regards its period of application (OJ L 326, 21.12.2022, p.8) and by Commission Regulation (EU) 2023/2391 of 4 October 2023 amending Regulations (EU) No 717/2014, (EU) No 1407/2013, (EU) No 1408/2013 and (EU) No 360/2012 as regards de minimis aid for the processing and marketing of fishery and aquaculture products, and Regulation (EU) No 717/2014 as regards the total amount of de minimis aid granted to a single undertaking, its period of application and other matters (OJ L, 2023/2391, 05.10.2023). The DFA shall request for a signed declaration from the undertaking concerned about any other de minimis aid received during the previous two fiscal years and the current fiscal year. Applications shall not be considered as eligible unless the above regulatory provisions are met.

The applicant will be able to apply for partial reimbursement of the costs of environmentally friendly fishing gear. Eligible expenditure shall fall under one of

waħda mill-kategoriji hawn taħt. Għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni għal-finanzjament biss il-varjanti ta' hawn taħt:

Ħabel tal-qanneb jew kwalunkwe ħabel ieħor bi proprjetajiet degradabbli (il-ħabel ma jistax ikun magħmul minn PP, PE, PC, Nylon jew xi tip ieħor ta' plastik mhux bijodegradabbli);

Nases tas-sajd magħmulin minn materjal ambjentalment sostenibbli (ma jistgħux ikunu magħmulin minn xi materjal imsemmi hawn fuq, inkluż ukoll wire tal-metall);

Rix tas-sajd bijodegradabbli (ma jistgħux ikunu magħmulin minn xi materjal imsemmi hawn fuq , inkluż b'xi komponenti taċ-ċomb);

Piżijiet tas-sajd mhux tossiċi (mhux magħmulin miċ-ċomb);

Pariti tas-sajd b'nisġiet ta' 33mm jew aktar;

Snanar tondi (circle hooks); u

Pingers

Għall-ħtiġijiet ta' din l-iskema, id-definizzjoni ta' tagħmir tas-sajd sostenibbli tinkorpora materjali li huma meqjusa bħala bijodegradabbli u li għandhom jimminimizzaw b'mod dirett jew indirett l-impatt negattiv fuq l-ambjent.

Id-DFA jirriżerva d-dritt li jiddetermina l-eliġibbiltà tal-irċevuti u/jew fatturi/spejjeż mitluba, skont il-parametri stipulati hawn fuq.

L-eliġibbiltà ta' kull spejjeż se tkun suġġetta għas-skrutinju, interpretazzjoni, u aċċettazzjoni tad-DFA. Deċiżjoni fuq spejjeż li jiġu determinati bħala eliġibbli jew mhux eliġibbli mid-Dipartiment se tiġi meqjusa bħala finali.

**6. Kif għandu jitħallas?**

Il-ħlas se jiġi pproċessat u mħallas fil-kont bankarju tal-applikant.

**7. Kull meta tingħata informazzjoni falza jew finnuqqas ta' konformita' mad-dispożizzjonijiet ta' l-iskema**

Kwalunkwe dikjarazzjoni falza għandha tiġi definita bħala reat kriminali. L-applikant għandu jinżamm personalment responsabbli li jrodd lura kull flejjes li jirċievi jekk il-pagamenti jkunu diġa ġew ipproċessati. Wieħed ikun ukoll awtomatikament skwalifikat mill-iskema. Din il-klawsola m'għandhiex terminu applikabbli u għandha tibqa' fis-seħħ b'mod indefinit.

the below categories. Only the below variants shall be considered for financing:

Hemp rope or any other rope with degradable properties (rope cannot be made out of PP, PE, PC, Nylon or any variant of non biodegradable plastic);

Fishing pots made out of environmentally sustainable material (cannot be made from any materials mentioned above, including also metal wire);

Biodegradable fishing lures (cannot be made from any materials mentioned above, including any lead components);

Non-toxic fishing weights (not made out of lead);

Fishing trammel nets with thicker braiding from 33mm upwards;

Circle hooks; and

Pingers

For the purposes of this scheme, the definition of sustainable fishing gear incorporates materials which are deemed as being biodegradable and which shall directly or indirectly minimise the adverse impacts on the environment.

The DFA reserves the right to determine the eligibility of submitted receipts and/or invoices/claimed expenditure, as per parameters stipulated above.

All expenditure eligibility shall be subject to the scrutiny, interpretation, and acceptance of the DFA. A decision on expenditure determined as being eligible or non-eligible by the Department shall be deemed as final.

**6. How shall it be paid?**

The payment will be processed and paid via the applicants' bank account.

**7. Whenever false information is given or failure to conform to the provisions of the scheme**

Any false declaration/s shall be defined as being a criminal offence. The applicant shall be held personally liable to return any monies received if payments would have already been processed. One will also be automatically disqualified from the scheme. This clause does not have an applicable time limit and shall remain in force indefinitely.

**8. Tul ta' żmien tal-iskema**

Din hija skema ġdida li qed titnieda fis-sena 2024. Ser jkollha perjodu ta' ġimgħatejn biex l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi lid-Dipartiment għas-Sajd u l-Akwakultura. Il-perjodu għall-irċevuti u/jew l-irċevuti eliġibbli huwa ta' 18-il xahar. Perjodu ieħor ta' ġimgħatejn se jippermetti lill-applikanti jissottomettu l-irċevuti u/jew il-fatturi tagħhom.

L-irċevuti u/jew il-fatturi għandhom jitqiesu bħala validi biss jekk id-data tan-nefqa mġarrba/irċevuta/fattura taqa' bejn il-perjodu 01/01/2024 u 30/06/2025.

**9. Emendi għall-iskema**

Il-Ministru għandu jagħmel l-emendi meħtieġa għal din l-iskema billi jippubblika l-imsemmija emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

Id-19 ta' Novembru, 2024

**8. Duration of the scheme**

This is a new scheme which is being launched in year 2024. It will have a 2-week period for applications to be submitted to the Department for Fisheries and Aquaculture. The period for receipts and/or invoices eligibility is of 18 months. Another 2-week period will allow applicants to submit their receipts and/or invoices.

Receipts and/or invoices shall only be considered as valid if the expenditure incurred/receipt/invoice date falls between the period 01/01/2024 and 30/06/2025.

**9. Amendments to the scheme**

The Minister shall make the necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

29th November, 2024

**Nru. 1682**

**ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)**

**Avviż skont l-Artikolu 29**

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29(1) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana hawn jinnotifika lill-persuni msemmijin hawn isfel permezz ta' avviż li ġie maħruġ mill-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana. Għalhekk huwa fl-interess tagħhom li jmorru fis-Sezzjoni tal-Ġbir li tinsab fi Blokk 5, Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Il-Furjana, fi żmien ħamest ijiem minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-imsemmijin avviżi.

Id-29 ta' Novembru, 2024

**No. 1682**

**INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372)**

**Notice in terms of Article 29**

IN terms of the proviso to article 29(1) of the Income Tax Management Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder by a notice that has been issued by the Malta Tax and Customs Administration. Thus, it is in their own interest to call at the Collection Section at Block 5, Office of the Commissioner for Tax and Customs, Floriana, within five days of this notice to collect the mentioned notices.

29th November, 2024

| Kunjom<br>*Surname* | Isem<br>*Name* | Referenza<br>*Reference* |
|---|---|---|
| Abdel Rahman Mohamed | Abouelhamd | 18095A |
| Abdela Seid | Bilal | 113085A |
| Aboul-Ezz | Firas | 23481A |
| Abubakar Nuhu | Mohammed Barak | 51443A |
| Abubaker Amadou | Muftah | 43903A |
| Ageli | Farag | 459700L |
| Aiacoboaie | Adrian | 117807A |
| Aibueku | Denis | 60429A |

| Kunjom<br>*Surname* | Isem<br>*Name* | Referenza<br>*Reference* |
|---|---|---|
| Ali | Ibrahim | 38910A |
| Ali Alasow | Dekow | 79464A |
| Almalloshi | Mohamad Abdolqasim | 113471A |
| Almeida Da Silva | Leandro | 258538A |
| Alvarez Sanchez | Enrique Jose | 81148A |
| Andrejic | Aleksa | 231490A |
| Androv | Aleksandar Dimitrov | 116418A |
| Angelova | Radka Angelova | 77314A |
| Apetrei | Gabrieliulian | 51564A |
| Aquilina | Adam Mark Karl | 120800L |
| Ashton | James Robert | 79454A |
| Astakhov | Evgeny | 121102A |
| Auerbach | Julie Ann | 21208A |
| Axelsson | Jim Robin Andree | 70366A |
| Azin Ghabru | Dawit | 109275A |
| Azzopardi | Martin John | 437819L |
| Bailey | Jack Dyer | 78179A |
| Barnard | Jaco | 116667A |
| Bartolo Khodjayeva | Muhaiyo Aldulkhayevn | 211209L |
| Bayev | Arvid Vyacheslavovic | 143204L |
| Bell | Simon Bruce | 335013L |
| Bellamy | Roger John | 73250A |
| Bengah | Bibi Nooreenah | 130470A |
| Bernard | Milan | 36028A |
| Bianco | Francesco | 23295A |
| Bognar | Janos | 77882A |
| Bokretsien Tewelde | Fitsum | 103093A |
| Bongeag | Razvanpetru | 62850A |
| Boniface | John Paul | 53972A |
| Borg | Maya Valentinova | 43144A |
| Borg | Amy Virginia | 534713L |
| Bozdogan | Ulas Utku | 80671A |
| Bundy | Tatjana | 123079A |
| Camilleri | Charles N | 6719A |
| Caruana | Stephen Shane | 240303L |
| Cederqvist | Kenny Ivar Egon | 78872A |
| Chrebelski | Mark | 38445A |
| Chu | Weijun | 6662778P |
| Coulibaly | Arouna | 38674A |
| Cox | Lois Elizabeth | 31716A |

| Kunjom<br>*Surname* | Isem<br>*Name* | Referenza<br>*Reference* |
|---|---|---|
| Criminale | Edward Alfred John | 270700L |
| Dannhauser | Delon Richard | 214061A |
| Dartey | Stephen | 42070A |
| Davies | Sebastian Joseph | 301814L |
| Dayre Misghina | Teklu | 31035A |
| Dhaiib Adan | Feisal | 111682A |
| Dheatle | Martin George | 30583A |
| Donchev | Nikolay Tihomirov | 76028A |
| Dvornikov | Mikhail | 6662893P |
| Dzhangirova | Marianna | 82664A |
| Efrem | Valentin | 82790A |
| Ehigie | Orobosa | 9000586A |
| El Ghabar | Tamer Said | 109027A |
| Eyob Gergish | Senay | 113303A |
| Fekidom Tesfa | Gebrey | 103083A |
| Ganta | Bogdanionut | 73824A |
| Garcia Marin | Esther Laura | 69178A |
| Garcia Millet | Gabriel | 79028A |
| Gebrekidan Okubamichael | Bekuretsion | 112350A |
| Gebremariam Gebreysus | Senbetu | 108818A |
| Gebremichael Haile | Kidane | 113969A |
| Gebreyohannes Mihreteab | Medhanie | 102325A |
| Gray | Norman Christopher | 45227A |
| Grigoriev | Serghei | 297071A |
| Grmay Tesfazghi | Merhawi | 113975A |
| Guastella | Giovanni | 145862A |
| Hagos Berehe | Yonas | 9000238A |
| Haile Hagus | Atalele | 39577A |
| Hamadi Kalou | Feras | 155386A |
| Hellman | Nils Peter Mikael | 62069A |
| Hristovavasileva | Simona Yonkova | 119369A |
| Ihouma | Dorothy Nkechinyare | 33844A |
| Iseki | Monday | 46380A |
| Issac Mengstab | Negassi | 103094A |
| Jansen | Astrid | 30024A |
| Jansson | Bengt Christer | 61887A |
| Johnsson | Anna Roisin | 80977A |
| Kemer Ismael | Isa | 9000136A |
| Khalil Mohammed Mohammed | Hani | 47314A |
| Khromykh | Ekaterina | 130334A |

| Kunjom<br>*Surname* | Isem<br>*Name* | Referenza<br>*Reference* |
|---|---|---|
| Kidane Abraham | Destalem | 111024A |
| Kidane Tesfagaber | Akberet | 110975A |
| Kidane Wendem | Tesfay | 114812A |
| Kiflu Arbed | Fitwi | 103090A |
| Korane Salad | Muhudin | 101315A |
| Lalik | Wlodzimierz Stanisla | 39817A |
| Larsberg | Aline Christin Micha | 31604A |
| Lavecchia | Rocco | 108783A |
| Laws | Christopher | 62742A |
| Lynch | Lindsey George | 60553A |
| Marzino | Salvatore | 61996A |
| Matti | Jeff | 38339A |
| Meco Nombela | Sandra | 77656A |
| Mihaylova | Galina Markova | 70124A |
| Mohamed Abdalaziz | Mohamad | 79751A |
| Mohamed Nor Bashir | Omar | 100609A |
| Mongillo | Renato | 129407A |
| Muscat | Paul | 21726A |
| Mussie Zeray | Tekleab | 102591A |
| Nikolovski | Dragan | 126664A |
| Nuredin Ahmedin | Mohammed | 100619A |
| Ohanebo | Vitus Chibuike | 22610A |
| Okbazghi Woldu | Robel | 101761A |
| Omar Muhamud | Ilias | 83629A |
| Orlando | Nicolo | 57087A |
| Orosz Szalai | Nora | 77911A |
| Pace | Jamie Wayne | 395503L |
| Pagan | Michael R | 19075A |
| Perez Terrer | David | 138383A |
| Pietsch | Pooja | 68800A |
| Portelli | Szilvia | 74606A |
| Prodan | Ioana | 32344A |
| Provaznikova | Alexandra | 65660A |
| Pugh | Allen William | 67326A |
| Racic | Marco | 45061A |
| Ruiz | Vincent Jacques Henr | 108753A |
| Rushing | Daniel Mahood | 125877A |
| Sahiner | Dorukhan | 158445A |
| Scarponi | Gianluca | 71515A |
| Shabbo | Adel | 118869A |

| Kunjom<br>*Surname* | Isem<br>*Name* | Referenza<br>*Reference* |
|---|---|---|
| Shtewi | Abdulhadi Mohamed | 130893A |
| Smith | Clive James | 51043A |
| Stanisic | Milos | 140268A |
| Stojcovic | Lazar | 127800A |
| Stojilkovic | Marko | 75031A |
| Strauss | Jurgen | 67911A |
| Suceveanu | Marius | 64367A |
| Sultan Gebrelibanos | Samson | 103081A |
| Tahan | Ibrahim Assaad | 129098A |
| Teklewiny Welekish | Bereket | 102575A |
| Tewelde Gebrezgabiher | Gebrehiwet | 101777A |
| Timney | Steven Eric Robert | 75959A |
| Toure | Issa | 39942A |
| Tsegay Deres | Musie | 113882A |
| Vasilev | Vasil Dimitrov | 119545A |
| Weldehaimanot Weldes | Habteab | 113893A |
| Yergas Montes | Israel | 69185A |
| Yordanov | Atanas Anatoliev | 52431A |
| Yowhannes Nuguse | Mehari | 114190A |
| Zanghi | Salvatore | 71772A |
| Zhai | Zhijun | 6662798P |
| Zhao | Xuelu | 57369A |
| Zlatev | Dicho Dimitrov | 39161A |
| Zsoldos | Janos Demeter | 72656A |

**Nru. 1683**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 1683**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 29.11.2024 | €80.906 | €0.929 |

Id-29 ta' Novembru, 2024

29th November, 2024

**Nru. 1684**

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**
**FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, RIFORMI U DJALOGU SOĊJALI**

**Noti ta' Spjegazzjoni**

**1. Introduzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Titolu tar-Regolamenti** | Regolamenti tal-2024 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol fit-Trasport fl-ilmijiet Navigabbli Interni |
| **Attivitajiet li għandhom jiġu regolati** | Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni |
| **Entitajiet responsabbli** | Dipartiment għall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali. |

**2. Taqsira u l-isfond**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/112/UE (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva") timplimenta l-Ftehim Ewropew dwar il-ħin tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni. Hija tiffoka primarjament fuq l-istabbiliment ta' standards minimi għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli f'dan is-settur, filwaqt li tiżgura s-sikurezza, is-saħħa u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti.

***2.1 Sfond***

Id-Direttiva timplimenta l-Ftehim Ewropew iffirmat mill-Unjoni tan-Navigazzjoni Interna (EBU), l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Kaptani (ESO), u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF). L-għan huwa li jiġu rregolati ċerti aspetti tal-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema fis-settur tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni.

Id-Direttiva hija bbażata fuq l-Artikolu 155(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan jippermetti li l-ftehimiet bejn l-imsieħba soċjali jiġu implimentati mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Id-Direttiva tapplika għal ħaddiema mobbli (kemm membri tal-ekwipaġġ kif ukoll persunal ieħor abbord il-bastimenti) impjegati fuq bastimenti kummerċjali li joperaw fl-ilmijiet navigabbli interni madwar l-Istati Membri tal-UE.

Ir-regolamenti jittrasponu u jallinjaw b'mod effettiv mad-Direttiva, itejbu l-infurzar u l-protezzjoni għal dawk li jbaħħru.

Ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ħaddiema impjegati bħala persunal li jivvjaġġa, kemm bħala membri tal-ekwipaġġ jew fi kwalunkwe funzjoni oħra, abbord inġenju li jopera, jew li ordinarjament jopera servizzi ta' trasport għal passiġġieri jew oġġetti permezz tal-ilmijiet navigabbli interni, fit-territorju ta' Stat Membru jew Stati Membri.

Barra minn hekk, l-operaturi tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni ma għandhomx jitqiesu bħala ħaddiema skont it-tifsira ta' dawn ir-regolamenti, anki jekk ikollhom l-istatus ta' ħaddiema fl-impriża tagħhom stess.

Ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol (L.S. 452.87) ma għandhomx japplikaw għall-ħaddiema impjegati abbord inġenju operat fis-settur tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni fejn kwalunkwe kwistjoni partikolari tkun regolata minn dawn ir-regolamenti.

Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw bla ħsara għal leġiżlazzjoni oħra li tagħti livell ogħla ta 'protezzjoni lill-ħaddiema fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet fi ftehimiet kollettivi jew kwalunkwe ftehim ieħor konklużi bejn il-prinċipali u l-impjegati, li huma aktar favorevoli għall-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema.

***2.2 Għanijiet***

Li jiġi żgurat li l-ħaddiema mobbli fis-settur tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni jingħataw protezzjoni adegwata għall-mistrieħ, is-saħħa u s-sikurezza, u li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol madwar l-UE, filwaqt li tiġi evitata kompetizzjoni inġusta bejn l-operaturi billi jiġu żgurati standards konsistenti.

***2.3 L-importanza tar-regolamenti***

Din il-leġiżlazzjoni proposta għandha l-għan li tiżgura konformita mar-Regolamenti tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni, b'enfasi fuq is-saħħa, is-sikurezza u l-ħinijiet tax-xogħol ġusti għall-ħaddiema.

***2.4 Konsultazzjoni pubblika***

Saru konsultazzjonijiet mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi. Il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi huwa Bord tripartitiku li jinkludi wkoll rappreżentanti ta' trade unions u assoċjazzjonijiet ta' prinċipali kif stipulat fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

**3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument**

Regolament 1 – Titolu.
Regolament 2 – Għan u applikabbilità.
Regolament 3 – Tifsir.
Regolament 4 – Ħin tax-xogħol u perjodu ta' referenza.
Regolament 5 – Pawżi.
Regolament 6 – Ħin tax-xogħol ta' kuljum u ta' kull ġimgħa.
Regolament 7 – Perjodi ta' mistrieħ.
Regolament 8 – Jiem ta' xogħol u jiem ta' mistrieħ.
Regolament 9 – Xogħol staġjonali fuq bastimenti tal-passiġġieri.
Regolament 10 – Ħin massimu tax-xogħol matul il-lejl.
Regolament 11 – Leave annwali.
Regolament 12 – Protezzjoni tal-minuri.
Regolament 13 – Żamma ta' rekords.
Regolament 14 – Sitwazzjonijiet ta' emerġenza.
Regolament 15 – Valutazzjoni tas-saħħa.
Ir-Regolament 16 –Sigurtà u protezzjoni tas-saħħa.
Regolament 17 – Uffiċjali maħtura.
Regolament 18 – Protezzjoni mit-tkeċċija, konsegwenzi negattivi oħra u l-oneru tal-prova.
Regolament 19 – Reati.

**4. Kummentarju**

**Ir-regolament 3:**

Jipprovdi t-tifsiriet ewlenin, bħal:

Kaptan: responsabbli għat-tbaħħir u l-ġestjoni tal-ekwipaġġ.
Ħaddiem ta' billejl: dawk li jaħdmu matul il-ħinijiet stabbiliti ta' billejl (10 p.m. - 6 a.m.).
Inġenju: kwalunkwe bastiment jew tagħmir li jżomm f 'wiċċ l-ilma użat fit-trasport.

**Ir-regolamenti 4 u 5**:

Is-sigħat standard tax-xogħol huma bbażati fuq jum ta' 8 sigħat.
Il-ħin massimu tax-xogħol huwa ta' 48 siegħa fil-ġimgħa fuq perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar.
Il-ħaddiema huma intitolati għal pawżi ta' mill-inqas 30 minuta wara 6 sigħat ta' xogħol.

**Ir-regolamenti 6 u 7:**

Il-ħin tax-xogħol ma jistax jaqbeż 14-il siegħa għal kull perjodu ta' 24 siegħa jew 84 siegħa għal kull perjodu ta' 7 ijiem.
Il-perjodi ta' mistrieħ għandhom jinkludu mill-inqas 10 sigħat kull 24 siegħa u 84 siegħa kull 7 ijiem.

**Ir-regolament 9:**

Il-ħaddiema fuq il-bastimenti tal-passiġġieri jistgħu jaħdmu sa 12-il siegħa għal kull perjodu ta' 24 siegħa u 72 siegħa għal kull perjodu ta' 7 ijiem matul l-istaġun, li jdum sa 9 xhur konsekuttivi.
Huma intitolati għal mill-inqas jumejn ta' mistrieħ kull 31 jum.

**Ir-regolament 10:**

Il-ħaddiema ta' billejl jistgħu jaħdmu sa 7 sigħat kull lejl u massimu ta' 42 siegħa kull 7 ijiem.

**Ir-regolament 11:**

Il-ħaddiema huma intitolati għal mill-inqas 4 ġimgħat ta' leave annwali mħallas.

**Ir-regolament 12:**

Ħaddiema taħt it-18-il sena ma jistgħux jiġu impjegati fuq inġenju sakemm ma jkollhomx mill-inqas 16-il sena u ma jkunux għadhom fi skola obbligatorja. Huma ġeneralment ipprojbiti milli jwettqu xogħol ta' billejl, ħlief b'xi eċċezzjonijiet.

**Ir-regolament 13:**

Il-prinċipal għandu jżomm rekords tas-sigħat tax-xogħol ta' kuljum u tal-perjodi ta' mistrieħ għal kull ħaddiem. Dawn ir-rekords għandhom jimtlew kull xahar u jinżammu għal 12-il xahar.

**Ir-regolament 14:**

F'emerġenzi, il-kaptan jista' jissospendi l-perjodi ta' mistrieħ, iżda l-ħaddiema jridu jirċievu mistrieħ adegwat ladarba jerġgħu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet normali.

**Ir-regolament 15:**

Il-ħaddiema huma intitolati għal valutazzjonijiet tas-saħħa annwali mingħajr ħlas, sabiex jiġu evalwati humiex tajbin għax-xogħol taħt kondizzjonijiet tax-xogħol speċifiċi.

**Ir-regolament 16:**

Il-prinċipali huma meħtieġa jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju għall-ħaddiema ta' billejl u bix-xift, filwaqt li jindirizzaw kwalunkwe riskji speċifiċi għal dawk il-kondizzjonijiet tax-xogħol.

**Ir-regolament 19:**

In-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti għandu jitqies bħala reat, bil-multi jibdew minn €465.87.

**5. Sezzjonijiet konklużivi**

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

F'każ ta' mistoqsijiet, il-pubbliku ġenerali huwa mħeġġeġ sabiex jagħmel kuntatt mad- Dipartiment għall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali:

Dipartiment għall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali ,
121, Triq Melita
Valletta - Malta,VLT 1121

Telefown:
1575 għall-ħaddiema
1576 għall-prinċipali

Indirizz elettroniku:
(info.dier@gov.mt)

**N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġislattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

**Anness**

(għall-finijiet tal-paragrafu (VI) tal-Iskeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

**Noti ta' Transpożizzjoni dwar it-transpożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2014/112/UE tad-19 ta' Diċembru 2014 li timplimenta l-Ftehim Ewropew dwar** ċerti **aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni konkluż mill-Unjoni tan-Navigazzjoni Interna (EBU), l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Kaptani (ESO) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF).**

| **Numru/I tal-Artikolu tad-Direttiva**<br>**Id-Direttiva 2014/112/UE** | **Regolamenti ta' traspożizzjoni**<br>**Ir-Regolamenti tal-2024 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol fit-Trasport fil-ilmijiet Navigabbli Interni** |
|---|---|
| Paragrafu 1(1) tal-Anness | Regolament 2(1) |
| Paragrafu 1(2) tal-Anness | Regolament 2(4) |
| Paragrafu 1(4) tal-Anness | Regolament 2(6) |
| Paragrafu 2 tal-Anness | Regolament 3(1) |
| Paragrafu 3(1) tal-Anness | Regolament 4(1) |
| Paragrafu 3(2) tal-Anness | Regolament 4(2) |
| Paragrafu 3(3) tal-Anness | Regolament 4(2) |
| Paragrafu 3(4) tal-Anness | Regolament 4(3) |
| Paragrafu 8 tal-Anness | Regolament 5 |
| Paragrafu 4(1) tal-Anness | Regolament 6(1) |
| Paragrafu 4(2) tal-Anness | Regolament 6 (2) |
| Paragrafu 7 tal-Anness | Regolament 7(1) u (2) |
| Paragrafu 5 tal-Anness | Regolament 8 |
| Paragrafu 6(1) tal-Anness | Regolament 9(1) |
| Paragrafu 6(2) tal-Anness | Regolament 9(1) |
| Paragrafu 9 tal-Anness | Regolament 10 |
| Paragrafu 10 tal-Anness | Regolament 11 |
| Paragrafu 11 tal-Anness | Regolament 12 |
| Paragrafu 12 tal-Anness | Regolament 13 |
| Paragrafu 13 tal-Anness | Regolament 14 |
| Paragrafu 14 tal-Anness | Regolament 15 |
| Paragrafu 15 tal-Anness | Regolament 16 |

Id-29 ta' Novembru, 2024

**No. 1684**

**OFFICE OF THE PRIME MINISTER**
**EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE**

**Explanatory Notes**

**1. Introduction**

| | |
|---|---|
| **Title of Regulations** | Organisation of Working Time in Inland Waterway Transport Regulations, 2024 |
| **Activity to be regulated** | Organisation of working time in inland waterway transport |
| **Responsible entity** | Department for Industrial and Employment Relations |

**2. Summary and background**

Council Directive 2014/112/EU (hereinafter referred to as "the Directive") implements the European Agreement on Working Time in Inland Waterway Transport. It primarily focuses on setting minimum standards for the organisation of working time for mobile workers in this sector, ensuring safety, health, and fair working conditions.

***2.1 Background***

The Directive implements the European Agreement signed by the European Barge Union (EBU), the European Skippers Organisation (ESO), and the European Transport Workers' Federation (ETF). The purpose is to regulate certain aspects of the working time for workers in the inland waterway transport sector.

The Directive is grounded in Article 155(2) of the Treaty on the Functioning of the European Union (TFEU). This allows for agreements between social partners to be implemented by EU legislation.

The Directive applies to mobile workers (both crew members and other shipboard personnel) employed on commercial vessels operating in inland waterways across EU Member States.

The regulations effectively transpose and align with the Directive, enhancing enforcement and protection for sea-farers.

The regulations shall apply to workers employed as travelling personnel, whether as crew members or in any other function, on board a craft which operates, or ordinarily operates transport services for passengers or goods by inland waterway, in the territory of a Member State or Member States.

Moreover, inland waterway transport operators shall not be considered workers within the meaning of these regulations, even if they have the status of workers in their own undertaking.

The Organisation of Working Time Regulations (S.L. 452.87) shall not apply to workers employed on board a craft operated in the inland waterway transport sector where any particular matter is regulated by these regulations.

These regulations shall be applicable without prejudice to other legislation which grant a higher level of protection to workers in inland waterway transport and to the introduction and implementation of provisions in collective agreements or any other agreement entered into between employers and employees, which are more favourable to the protection of the safety and health of workers.

***2.2 Objectives***

To ensure that mobile workers in the inland waterway transport sector are provided with adequate rest, health, and safety protections, and to harmonize working conditions across the EU, preventing unfair competition between operators by ensuring consistent standards.

***2.3 Importance of Regulations***

This proposed legislation aims to ensure compliance with EU Regulations concerning working conditions in inland waterway transport, focusing on health, safety, and fair working hours for workers.

***2.4 Public Consultation***

Consultations were held with the Employment Relations Board. The Employment Relations Board is a tripartite Board which comprises also trade unions and employers' associations representatives as stipulated in the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452), hereinafter referred to as "the Act".

**3. Overview of the structure of the instrument**

Regulation 1 – Citation.
Regulation 2 – Scope and Applicability.
Regulation 3 – Interpretation.
Regulation 4 – Working time and reference period.
Regulation 5 – Breaks.
Regulation 6 – Daily and weekly working time.
Regulation 7 – Rest periods.
Regulation 8 – Working days and rest days.
Regulation 9 – Seasonal work on passenger vessels.
Regulation 10 – Maximum working time during night time.
Regulation 11 – Annual leave.
Regulation 12 – Protection of minors.
Regulation 13 – Maintaining records.
Regulation 14 – Emergency situations.
Regulation 15 – Health assessment.
Regulation 16 – Safety and health protection.
Regulation 17 – Designated officers.
Regulation 18 – Protection from dismissal, other consequences and the burden of proof.
Regulation 19 – Offences.

**4. Commentary**

**Regulation 3**:

provides key definitions, such as:

Boatmaster: Responsible for sailing and crew management.
Night worker: Those working during designated night hours (10 p.m. - 6 a.m.).
Craft: Any vessel or floating equipment used in transport.

**Regulations 4 and 5:**

Standard working hours are based on an 8-hour day.
Maximum working time is 48 hours per week over a 12-month reference period.
Workers are entitled to breaks of at least 30 minutes after 6 hours of work.

**Regulations 6 and 7:**

Working time cannot exceed 14 hours per 24-hour period or 84 hours per 7-day period.
Rest periods shall include at least 10 hours per 24 hours and 84 hours per 7 days.

**Regulation 9:**

Workers on passenger vessels can work up to 12 hours per 24-hour period and 72 hours per 7-day period during the season, which lasts up to 9 consecutive months.
They are entitled to at least two rest days per 31 days.

**Regulation 10:**

Night workers can work up to 7 hours per night and a maximum of 42 hours per 7 days.

**Regulation 11:**

Workers are entitled to at least 4 weeks of paid annual leave.

**Regulation 12:**

Workers under the age of 18 cannot be employed on a craft unless they are at least **16 years old** and no longer in compulsory schooling. They are generally prohibited from performing night work, with some exceptions.

**Regulation 13:**

Employers shall maintain records of daily working hours and rest periods for every worker. These records shall be completed monthly and retained for 12 months.

**Regulation 14:**

In emergencies, the boatmaster may suspend rest periods, but workers shall receive adequate rest once normal conditions are restored.

**Regulation 15:**

Workers are entitled to annual health assessments at no cost to assess fitness for work under specific working conditions.

**Regulation 16:**

Employers are required to perform risk assessments for night and shift workers, addressing any risks specific to those working conditions.

**Regulation 19:**

Non-compliance with the regulations shall be considered as an offence, with fines starting at **€465.87**.Bottom of Form

**5. Concluding sections**

These regulations shall come into force upon their publication in the Gazette.

In case of queries, the general public is encouraged to contact the Department for Industrial and Employment Relations:

Department for Industrial and Employment Relations,
121, Melita Street
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telephone:
1575 for employees
1576 for employers
Email: (info.dier@gov.mt)

**N.B: These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the legal instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.**

**Annex**

(for the purpose of paragraph (vi) of Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta)

**Transposition Notes for the transposition of Council Directive 2014/112/EU of 19 December 2014 implementing the European Agreement concerning certain aspects of the organisation of working time in inland waterway transport, concluded by the European Barge Union (EBU), the European Skippers Organisation (ESO) and the European Transport Workers' Federation (ETF).**

| **Directive article number/s Directive 2014/112/EU** | **Transposiong Regulations Organisation of Working Time in Inland Waterway Transport Regulations, 2024** |
|---|---|
| Paragraph 1(1) of the Annex | Regulation 2(1) |
| Paragraph 1(2) of the Annex | Regulation 2(4) |
| Paragraph 1(4) of the Annex | Regulation 2(6) |
| Paragraph 2 of the Annex | Regulation 3(1) |
| Paragraph 3(1) of the Annex | Regulation 4(1) |
| Paragraph 3(2) of the Annex | Regulation 4(2) |
| Paragraph 3(3) of the Annex | Regulation 4(2) |
| Paragraph 3(4) of the Annex | Regulation 4(3) |
| Paragraph 8 of the Annex | Regulation 5 |
| Paragraph 4(1) of the Annex | Regulation 6(1) |
| Paragraph 4(2) of the Annex | Regulation 6(2) |
| Paragraph 7 of the Annex | Regulation 7(1) and (2) |
| Paragraph 5 of the Annex | Regulation 8 |
| Paragraph 6(1) of the Annex | Regulation 9(1) |
| Paragraph 6(2) of the Annex | Regulation 9(1) |
| Paragraph 9 of the Annex | Regulation 10 |
| Paragraph 10 of the Annex | Regulation 11 |
| Paragraph 11 of the Annex | Regulation 12 |
| Paragraph 12 of the Annex | Regulation 13 |
| Paragraph 13 of the Annex | Regulation 14 |
| Paragraph 14 of the Annex | Regulation 15 |
| Paragraph 15 of the Annex | Regulation 16 |

29th November, 2024

**No. 1685**

**INTRAPRIŻA TA' MALTA**

**Noti ta' Spjegazzjoni**[1]

**1. Introduzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Titolu tal-Avviż Legali** | Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro (Emenda Nru 2) |
| **Attività li trid tiġi regolata** | Krediti ta' taxxa għal intrapriżi mikro u għal persuni li jaħdmu għal rashom |
| **Entità responsabbli** | L-iskema se tkun amministrata mill-Intrapriża ta' Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Korporazzjoni"). |

**2. Taqsira u l-Isfond**

L-għan tal-iskema huwa li tappoġġa impriża li għas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni, qiegħda twettaq kummerċ jew negozju u li tkun teħtieġ assistenza sabiex tespandi, tagħmel innovazzjoni jew tinvesti fin-negozju tagħha f'Malta. Il-Korporazzjoni tista' tipprovdi tali impriża bi kreditu ta' taxxa. L-intensità tal-kreditu ta' taxxa għandha tkun skont it-termini u l-kondizzjonijiet speċifikati fil-linji gwida.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn żewġ (2) regolamenti u jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Titolu.
2. Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**4. Kummentarju**

Ir-regolament 2 li jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali li jirreferi għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi eliġibbli skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida u li l-ebda għajnuna skont ir-regolamenti prinċipali ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni fuq spejjeż inkorsi wara l-31 ta' Diċembru 2025. L-ebda għajnuna ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni skont dawn ir-regolamenti wara l-31 ta' Diċembru 2027.

**5. Sezzjonijiet konklużivi**

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

F'każ ta' mistoqsijiet, il-pubbliku ġenerali huwa mħeġġeġ jagħmel kuntatt mal-Korporazzjoni fuq (info@maltaenterprise.com).

**N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

Id-29 ta' Novembru, 2024

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-Artikolu 3 (2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

**No. 1685**

**MALTA ENTERPRISE**

**Explanatory Notes[1]**

**1. Introduction**

| | |
|---|---|
| **Title of Legal Notice** | Micro Investment (Amendment No. 2) Regulations, 2024 |
| **Activity to be regulated** | Tax credits for micro enterprises and the self-employed |
| **Responsible entity** | The scheme will be administered by Malta Enterprise (hereinafter referred to as the "Corporation") |

**2. Summary and Background**

The objective of the scheme is to support an undertaking which, to the satisfaction of the Corporation, is carrying out a trade or business and which requires assistance to expand, innovate or invest in its business in Malta. The Corporation may provide such an undertaking with a tax credit. The intensity of the tax credit shall be in accordance with the terms and conditions set out in the guidelines.

**3. Overview of the structure of the instrument**

The regulations are made up of two (2) regulations and consist of the following:

1. Citation.
2. Amends rule 3 of the principal rules.

**4. Commentary**

Regulation 2 amends regulation 3 of the principal regulations which refers to the assistance given to eligible undertakings in accordance with the terms and conditions set out in the guidelines and states that no assistance in accordance with the principal regulations shall be granted by the Corporation on costs incurred after 31st December 2025. It further states that no aid shall be granted by the Corporation in accordance with these regulations after 31st December 2027.

**5. Concluding Sections**

These regulations shall come into force upon their publication in the Gazette.

In case of queries, the general public is encouraged to contact the Corporation on (info@maltaenterprise.com).

**N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.**

29th November, 2024

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

**No. 1686**

**INTRAPRIŻA TA' MALTA**

**Noti ta' Spjegazzjoni[1]**

**1. Introduzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Titolu tal-Avviż Legali** | Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Rilevanti għall-Industrija) |
| **Attività li trid tiġi regolata** | Krediti ta' taxxa |
| **Entità responsabbli** | L-iskema se tkun amministrata mill-Intrapriża ta' Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Korporazzjoni"). |

**2. Taqsira u l-Isfond**

L-għan tal-iskema huwa li tappoġġa studenti li għandhom ikunu intitolati għall-kreditu ta' taxxa, wara li jattendu kors rilevanti, itemmu dak il-kors b'suċċess. L-intensità tal-kreditu ta' taxxa għandha tkun skont it-termini u kondizzjonijiet speċifikati fil-linji gwida.

**3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument**

Ir-regoli huma magħmula minn żewġ (2) regoli u jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Titolu.
2. Jemenda r-regola 5 tar-regolamenti prinċipali.

**4. Kummentarju**

Ir-regola 2 temenda r-regola 5 tar-regolamenti prinċipali li tipprovdi li ċ- ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa għandu jinħareġ mill-Korporazzjoni skont linji gwida li jiġu pubblikati fuq il-website tal-Korporazzjoni. L-istess regola tipprovdi li l-Korporazzjoni ma għandhiex toħroġ ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa dwar kors ta' studju li jibda wara l-31 ta' Diċembru, 2025 jew wara dik id-data li tiġi qabel kif il-Korporazzjoni tista' tispeċifika permezz ta' avviż fil-Gazzetta. Il-Korporazzjoni m'għandux joħroġ iċ-ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa fir-rigward ta' applikazzjoni li tasal għand il-Korporazzjoni wara sentejn mill-jum li fih tinkiseb il-kwalifika rilevanti.

**5. Sezzjonijiet konklużivi**

Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

F'każ ta' mistoqsijiet, il-pubbliku ġenerali huwa mħeġġeġ jagħmel kuntatt mal-Korporazzjoni (fuq info@maltaenterprise.com).

**N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

Id-29 ta' Novembru, 2024

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-Artikolu 3 (2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

**No. 1686**

**MALTA ENTERPRISE**

**Explanatory Notes**[1]

**1. Introduction**

| | |
|---|---|
| **Title of Legal Notice** | Deductions and Tax Credits (Relevant Qualifications for Industry) (Amendment) Rules, 2024 |
| **Activity to be regulated** | Tax credits |
| **Responsible entity** | The scheme will be administered by Malta Enterprise (hereinafter referred to as the "Corporation"). |

**2. Summary and Background**

The objective of the scheme is to support students who shall be entitled to the tax credit, after following a relevant course, they successfully complete that course. The intensity of the tax credit shall be in accordance with the terms and conditions set out in the guidelines.

**3. Overview of the structure of the instrument**

The rules is made up of two (2) rules and consist of the following:

1. Citation.
2. Amends rule 5 of the principal rules.

**4. Commentary**

Rule 3 amends rule 5 of the principal rules which provides that the tax credit certificate shall be issued by the Corporation in accordance with the terms and conditions set out in the guidelines and states that the Corporation shall not issue the tax credit certificate in respect of a course of studies that commences after 31st December 2025 or after such earlier date as the Corporation may specify by means of a notice in the Gazette. The Corporation shall not issue the tax certificate in respect of an application that reaches the Corporation after two years from the day on which the relevant qualification is obtained.

**5. Concluding Sections**

These rules shall come into force upon their publication in the Gazette.

In case of queries, the general public is encouraged to contact the Corporation on (info@maltaenterprise.com).

**N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.**

29th November, 2024

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

**Nru. 1687**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAD-DINGLI**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 833 tat-12 ta' Settembru, 2003, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħad-Dingli', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

**No. 1687**

**NUMBERING OF DOORS AT ĦAD-DINGLI**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 833 dated 12th September, 2003, under the title 'Renumbering of doors at Ħad-Dingli', the following amendments in **bold** should be made.

**ĦAD-DINGLI**

**17. TRIQ ĠUŻÈ ELLUL MERCER**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira

*Left side entering from Triq il-Kbira*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira

*Right side entering from Triq il-Kbira*

To: Joffrey Mallia (ID 533382M) of 36, Triq Alofio Wignacourt, Mosta MST 1855, and Sarah Mallia

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Brings to your formal notice the fact that on the 21st November, 2022, you were in delay of payment of the loan given to you in the acts of Notary Dr Roland Wadge, dated 14th February, 2013, in the amount of €3636.79 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears increases by €805.88 per month after that date.

Brings to your formal notice the fact that on the 21st November, 2022, you were in delay of payment of the loan given to you in the acts of Notary Dr Roland Wadge, dated 14th February, 2013, in the amount of €2693.76 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears increases by €538.75 per month after that date.

Brings to your formal notice the fact that on the 21st November, 2022, you were in delay of payment of the loan given to you in the acts of Notary Dr Roland Wadge, dated 27th April, 2015, in the amount of €3571.18 and thus the interpellant company solicits you so that within two days

tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu din is-somma. Inoltre s-soċjetà esponenti tinfurmakom illi din is-somma ta' arretrati tiżdied b'€708.40 fix-xahar wara dik id-data.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra ihnti tħallas is-somma ta' €410.10 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €404.15 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €5.70 bħala mgħaxijiet li ddekorrew fuq il-kapital sal-21 ta' Novembru fuq il-kont bin-numru 056-187990-001, liema somma hija Encroachment fuq il-kont tat-tip Current Account li ġiet debitament mogħtija lilek mill-Bank mittenti u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mit-22 ta' Novembru, 2022, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Tinfurmakom li jekk tonqsu milli tħallsu l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma' huwiex possibbli u teħtieġu żmien itwal għall-ħlas b'rata mensili, intom tistgħu tammettu d-dejn tagħkom mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ intom mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievu din l-ittra tavżaw lill-Bank u tqabbdu nutar.

Din l-ittra sservi ukoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears increases by €708.40 per month after that date.

Solicits you so that within two days from the notification of this letter you pay the amount of €410.10 representing as for the amount of €404.15 as capital and as for the amount €5.70 as interest that accrued on the capital from the 21st November on this account holding number 056-187990-001, which ammount is Encroachment on the Current Account that was duly given to you, by the interpellant Bank and accepted by you, besides the interest from the 22nd November, 2022, till the date of this letter, together with legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment which amount although you repeatedly were solicited for remained in default.

Informs you that if you fail to pay all the arrears due within fifteen days from the date of notification of this letter, the entire balance of the loan becomes due all at once besides the legal interest at the rate of 8% per annum until the date of effective payment.

To avoid useless Court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you néed more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2791

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2654/2024, fl-ismijiet Rodianne Cassar vs Barbuto Limited ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta'

By means of a decree of the 28th October, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2654/2024 in the names Rodianne Cassar vs Barbuto Limited the following publication was

notifika fil-konfront tal-intimata Barbuto Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 31 ta' Lulju, 2024

Lil Barbuto Limited (C66146) ta' 113, Triq Paola, Ħal Tarxien, Malta

Permezz tal-preżenti Rodianne Cassar (KI 40281M) ta' Penthouse Elle, Triq l-Għelejjel, Il-Gudja, Malta, ai termini tat-taxxa ġudizzjarja maħduma fil-5 ta' Lulju, 2024, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u markata Dok. A, tinterpellak sabiex b'mod immedjat tħallasha s-somma komplessiva ta' €559.52 kwantu għas-somma ta' €496.62 rappreżentanti taxxa ġudizzjarja, u kwantu għal €62.90 VAT u dan skont sentenza bin-numru 227/2020DBM mogħtija fit-18 ta' Ġunju, 2024, Rodianne Cassar vs Barbuto Ltd, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. B.

Fin-nuqqas ta' adempiment daparti tiegħek, il-mittenti ser tipproċedi għall-esekuzzjoni tal-istess taxxa skont il-liġi.

Bl-ispejjeż tal-preżenti

Din l-ittra ufficjali qiegħda tintbagħat ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u hija intiża sabiex tirrendi d-drittijiet u l-ispejjeż dovuti a bażi ta' taxxa ġudizzjarja datata 18 ta' Ġunju, 2024, bħala titolu eżekuttiv skont l-artikolu 253(c) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Għalhekk huwa fl-interess tiegħek illi tkellem avukat jew prokuratur legali mingħajr dewmien.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ordered for the purpose of effecting service on the respondent Barbuto Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 31st July, 2024

To Barbuto Limited (C66146) of 113, Triq Paola, Ħal Tarxien, Malta

By the present Rodianne Cassar (ID 40281M) of Penthouse Elle, Triq L-Aħjar, Gudja, Malta, in terms of the judicial tax computed on the 5th July, 2024, a copy of which is hereby attached and marked Doc. A, solicits you so that with immediate effect you pay the total sum of €559.52 as for the sum of €496.62 representing judicial tax, and as for €62.90 VAT and this according to judgement number 227/2020DBM given on the 18th June, 2024, Rodianne Cassar vs Barbuto Ltd, copy of which is here attached and marked Doc. B.

In default of payment on your part, the interpellant will proceed to the execution of the same tax according to law.

With costs of the present

This judicial letter is being sent in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta and is intended to render the fees and expenses due on the basis of judicial tax dated 18th June, 2024, as an executive title according to Article 253 (c) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta). Thus it is in your interest to speak to a lawyer or legal procurator without delay.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd November, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2792

B'digriet tal-14 ta' Novembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-5 ta' Settembru, 2024, mill-Avukat Dott. Veronique Dalli, Subbasta bin-numru 57/24 fl-ismijiet l-Avukat Dott. Veronique Dalli vs Mdina Property Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C87890, qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

By a decree given on the 14th November, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 5th September, 2024, by Lawyer Dr Veronique Dalli, Judicial Sale file number 57/24 in the names of Lawyer Dr Veronique Dalli vs Mdina Property Limited with the registration number C87890, being asked that the Court orders the sale by auction of the:

Il-blokk ta' appartamenti li jġib l-isem 'Rainbow", f'Saqqajja Hill, Ir-Rabat, Malta, konsistenti f'erba' (4) appartamenti u żewġ garaxxijiet ossija showrooms, libera u franka, u bl-arja tagħha.

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Mdina Property Limited (C87890).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The block of apartments by the name 'Rainbow', in Saqqajja Hill, Rabat, Malta, consisting in four (4) apartments and two garages ossia showrooms, free and unencumbered and with its airspace.

The said tenements are the property of Mdina Property Limited (C87890).

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 26th November, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2793

B'digriet tas-7 ta' Novembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Mejju, 2024, minn Elbros Contruction Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C10925, Subbasta bin-numru 28/24 fl-ismijiet Elbros Construction Limited (C10925) vs Noel Zahra (KI 0392081M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-fond bin-numru sitta u għoxrin (26) ġja bin-numru tlieta u disgħin (93), fi Triq Santu Wistin, Iż-Żejtun, bl-arja libera tiegħu, inkluż il-garaxx semi-basement sottostanti l-imsemmi fond, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Noel Zahra (KI 0392081M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 7th November, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 17th May, 2024, by Elbros Construction Limited with the registration number C10925, Judicial Sale file number 28/24 in the names of Elbros Construction Limited (C10925) vs Noel Zahra (ID 0392081M) being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The tenement number twenty six (26) previously numbered ninety three (93), in Triq Santu Wistin, Żejtun, with its free airspace, including the semi basement garage underlying the said tenement, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances.

The said tenement is the property of Noel Zahra (ID 0392081M).

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 26th November, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2794

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Emanuel Muscat vs Mark Portelli, Rikors Nru 394/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mark Portelli a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Emanuel Muscat (KI 794354M) vs Mark Portelli (KI 535880M), preżentat fil-Bord

By means of a decree of the 24th October, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Emanuel Muscat vs Mark Portelli, Application Number 394/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mark Portelli in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Emanuel Muscat (ID 794354M) vs Mark Portelli (ID 535880M) filed

li Jirregola l-Kera fit-18 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrenti Emanuel Muscat (KI 794354M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

i. Jiddeċiedi l-kawża skont it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid ta' Kiri ta' Bini;

ii. Jordna lill-intimat sabiex jiżgombra mill-fond Geo, Flat 1, Vjal Indipendenza, Mosta, u dan entro terminu qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jimponi.

U dan previa kull provvediment ieħor li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rikorrenti- 341, Musti, P/H, Triq l-Isperanza, il-Mosta.

Notifika – 20, Cloister's Walk, Blk 8, Flat 1, Triq il-Karmnu, San Ġiljan.

Ir-rikors fl-ismijiet Emanuel Muscat vs Mark Portelli, rikors numru 394/2024JG jinsab differit għat-12 ta' Diċembru, 2024, fis-12.45 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Novembru 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in the Rent Regulation Board, on the 18th September, 2024, the applicant Emanuel Muscat (ID 794354M) requested this Honourable Board why it should not:

I. Decide the cause according to the demand without proceeding to trial in terms of Article 16A of the Reletting of Urban Property Ordinance;

II. Order the respondent to vacate the premises Geo, Flat 1, Vjal Indipendenza, Mosta, and this within a short and peremptory period that this Honourable Board deems fit to impose.

And this saving any other provision that this Honourable Board deems fit and opportune.

With costs against the respondent summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 341, Musti, P/H, Triq l-Isperanza, Mosta.

Notification – 20, Cloister's Walk, Blk 8, Flat 1, Triq il-Karmnu, San Ġiljan.

The application in the names Emanuel Muscat vs Mark Portelli, Application Number 394/2024JG has been postponed for hearing to the 12th December, 2024, at 12.45 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 27th November 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2795

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-7 ta' Novembru, 2024, fuq rikors ta' APS Bank plc (C 2192) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 27 ta' Frar, 2025 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Id-dar bin-numru uffiċjali tnax (12) bl-isem ta' 'Sueno' gia 'Saint Anne' fi Triq Espedito Catania qabel magħrufa bħala Triq l-Għobbejra, Ħaż-Żabbar, bl-arja tagħha, inkluż il-garaxx anness bin-numru uffiċjali erbatax (14) fl-istess triq u jifforma parti integrali mill-istess dar, skont il-kuntratt ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Dottor Jonathan Zammit fit-tlieta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (23.07.2012), liberi u franki u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluż il-front garden (patio) u l-bitħa ta' wara, u jikkonfina mill-Lvant ma' proprjetà ta' Antonio Scicluna, mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Felice Apap Bologna jew mis-suċċessuri fit-titlu tiegħu, min-nofsinhar ma' Triq Espedito

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 7th November, 2024, on the application of APS Bank plc (C 2192), Thursday, 27th February, 2025 at half past eleven (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The house with official number twelve (12) named 'Sueno' previously 'Saint Anne' in Triq Espedito Catania previously known as Triq l-Għobbejra, Ħaż-Żabbar, with its own airspace, including the annexed garage with official number fourteen (14) in the same street and which forms an integral part of the said house, as described in the contract of sale published by Notary Doctor Jonathan Zammit dated twenty third July of the year two thousand and twelve (23.07.2012), free and unencumbered, with all their rights and appurtenances, including the front garden (patio) and the back yard, and is bounded together on the East by property of Antonio Scicluna, on the North by property of Felice Apap

Catania jew konfini aktar korretti u stmati li jiswew ħames mija u ħamsa u erbgħin elf ewro (€545,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Buhagiar David Nicholas KI 13895M u Buhagiar Maria KI 528577M.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, l-Erbgħa, 27 ta' Novembru, 2024.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Bologna or their respective successors in title, and on the South by Triq Espedito Catania or more accurate boundaries and is valued at five hundred and forty five thousand euro (€545,000).

The said tenement is the property of Buhagiar David Nicholas ID 13895M and Buhagiar Maria ID 528577M.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2022.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 27th November 2024.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2796

B'digriet tas-7 ta' Novembru, 2024 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-7 ta' Novembru, 2024, fuq rikors ta' APS Bank plc (C 2192) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 27 ta' Frar, 2025 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Id-dar bin-numru uffiċjali tnax (12) bl-isem ta' 'Sueno'gia 'Saint Anne' fi Triq Espedito Catania qabel magħrufa bħala Triq l-Għobbejra, Ħaż-Żabbar, bl-arja tagħha, inkluż il-garaxx anness bin-numru uffiċjali erbatax (14) fl-istess triq u jifforma parti integrali mill-istess dar, skont il-kuntratt ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Dottor Jonathan Zammit fit-tlieta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (23.07.2012), liberi u franki u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluż il-front garden (patio) u l-bitħa ta' wara, u jikkonfina mill-Lvant ma' proprjetà ta' Antonio Scicluna, mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Felice Apap Bologna jew mis-suċċessuri fit-titlu tiegħu, min-nofsinhar ma' Triq Espedito Catania jew konfini aktar korretti u stmati li jiswew ħames mija u ħamsa u erbgħin elf ewro (€545,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Buhagiar David Nicholas KI 13895M u Buhagiar Maria KI 528577M.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2022.

By a decree given on the 7th November, 2024 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 7th November, 2024, on the application of APS Bank plc (C 2192), Thursday, 27th February, 2025 at half past eleven (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Republic Street, Valletta of the following property.

The house with official number twelve (12) named 'Sueno' previously 'Saint Anne' in Triq Espedito Catania previously known as Triq l-Għobbejra, Ħaż-Żabbar, with its own airspace, including the annexed garage with official number fourteen (14) in the same street and which forms an integral part of the said house, as described in the contract of sale published by Notary Doctor Jonathan Zammit dated twenty third July of the year two thousand and twelve (23.07.2012), free and unencumbered, with all their rights and appurtenances, including the front garden (patio) and the back yard, and is bounded together on the East by property of Antonio Scicluna, on the North by property of Felice Apap Bologna or their respective successors in title, and on the South by Triq Espedito Catania or more accurate boundaries and is valued at five hundred and forty five thousand euro (€545,000).

The said tenement is the property of Buhagiar David Nicholas ID 13895M and Buhagiar Maria ID 528577M.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 27 ta' Novembru, 2024.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 27th November 2024.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2797

B'digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-17 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Numru 496/2022 fl-ismijiet Elia Psaila (ID 247934 M), Theresa Psaila (ID 139337 M), Carmen Ellul (ID 242674 M) vs l-Avukat tal-lstat u Josephine Vella (ID 421465 M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Josephine Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali Numru 496/2022 ippreżentat fl-4 ta' Lulju, 2024, l-appellanti Elia Psaila u Carmen Ellul ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-21 ta' Ġunju, 2024, billi minkejja li l-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi, l-appellanti ħassewhom xorta aggravati peressi li dawn it-talbiet intlaqgħu limitatament għal dak li jirrigwarda n-nofs indiviż tal-fond bin-numru 60, Pauline, Triq is-Saljatura, l-Imqabba appartenenti lir-rikorrenti Elia Psaila.

Għaldaqstant, l-appellanti qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza limitatament sa fejn laqgħet it-talbiet attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tirrifomaha fejn iddikjarat li r-rikorrenti soffrew leżjoni limitatament għal dak li jirrigwarda n-nofs indiviż tal-fond bin-numru 60, Pauline, Triq is-Saljatura, l-lmqabba, u fejn ġie llikwidat ammont kumplessiv ta' Eur 19,709 u ordnat lill-Avukat tal-lstat iħallas din l-istess somma u minflok tvarja s-sentenza billi minflok tiddikjara li b'konsegwenza tal-operazzjoni tal-istess dispozizzjonijiet imsemmija ġew ivvjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fir-rigward anke tas-sehem tal-fond de quo appartinenti lil Joseph Psaila u Maria Concetta sive Benna, antekawża tar-rikorrenti appellanti Carmen Ellul, senjatament għal dak mitluf mill-imsemmija genituri tar-rikorrenti appellanti, u dan billi tillikwida l-ammont kumplessiv ta' Eur 41,080, u tordna lill-Avukat tal-lstat iħallas din l-istess somma bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Ir-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali Numru 320/2022 fl-ismijiet Elia Psaila (KI 247934 M), Theresa Psaila (KI 139337 M), Carmen Ellul (KI 242674 M) vs l-Avukat tal-lstat u Josephine Vella (KI 421465 M) jinsab iddifferit għat-3 ta' Frar, 2024, fid-8.40 a.m.

NOTIFIKA: Josephine Vella, 60, Pauline, Triq is-Saljatura, l-lmqabba,

By means of a decree delivered by the Constitutional Court, on the 17th September, 2024, in the records of the Application Number 496/2022 in the names Elia Psaila (ID 247934 M), Theresa Psaila (ID 139337 M), Carmen Ellul (ID 242674 M) vs the State Advocate and Josephine Vella (ID 421465 M) the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Josephine Vella in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Constitutional Appeal Application Number 496/2022 filed on the 4th July, 2024, the appellants Elia Psaila and Carmen Ellul felt aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court (Constitutional jurisdiction) dated 21st June, 2024, since despite the fact that the Honourable First Court upheld the plaintiffs' claims, the appellants still felt aggrieved since these demands were upheld limitedly as regards the undivided half of the premises with number 60, Pauline, Triq is-Saljatura, Mqabba belonging to the applicant Elia Psaila.

Therefore, the appellants are humbly requesting this Honourable Court to confirm the judgment limitedly in so far as it upheld the plaintiffs' demands and dismissed the defendants' pleas, and reform it where it declared that the applicants suffered a breach of rights limitedly with regard to the undivided half of the premises with number 60, Pauline, Triq is-Saljatura, Mqabba, and wherein an overall amount of Eur 19,709 was liquidated and ordered the State Advocate to pay this same sum and instead vary the judgment by declaring that as a consequence of the operation of the same provisions mentioned, the fundamental rights of the applicants under Article 1 of the First Protocol of the European Convention regarding also the share of the premises de quo belonging to Joseph Psaila and Maria Concetta sive Benna, predecessors of the applicant appellant Carmen Ellul, especially for what the applicant appellants' parents lost, and do this by liquidating the overall amount of Eur 41,080, and order the State Advocate to pay this same sum with costs of both instances against the respondents.

Constitutional Appeal Application Number 320/2022 in the names Elia Psaila (ID 247934 M), Theresa Psaila (ID 139337 M), Carmen Ellul (ID 242674 M) vs the State Advocate and Josephine Vella (ID 421465 M) has been deferred to the 3rd February, 2024, at 8.40 a.m.

NOTIFICATION: Josephine Vella, 60, Pauline, Saliatura Street, Mqabba,

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Kostituzzjonali) , illum 21 ta' Novembru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Appeal (Constitutional), this day 21st November, 2024.

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2798

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-17 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 27/2024 fl-ismijiet Karen Buttigieg (KI 361682M) vs Robert Tanti (KI 251981M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Robert Tanti, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

llli ż-żwieġ bejn il-partijiet ċċelebrat fit 28 ta Ġunju, 2009, ġie ddikjarat null b'sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta fid-19 ta' Frar, 2024, (Prot. Nru 22,022), liema sentenza hija definittiva u eżekuttiva skont il-Liġi u dan kif konfermat mid-digriet ta' eżekuttività (anness mar-rikors), tat-12 ta' Marzu, 2024.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bi-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex johġobha tordna r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tan-nullità taż-żwieġ tagħha mal-intimat fuq indikat, mogħtija kif imsemmi mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta u reża eżekuttiva skont id-digriet ta' eżekuttività u dan kollu ai termini tal-Att taz-Żwieg Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta u dan taħt kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha timponi.

Notifika: ROBERT TANTI – 114, TRIQ ĠLORMU CASSAR, MOSTA.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum, 21 ta' Novembru 2024.

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on the 17th September, 2024, in the records of Application Number 27/2024 in the names Karen Buttigieg (ID 361682M) vs Robert Tanti (ID 251981M) the following publication was ordered for the purpose of service of the said Robert Tanti, in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas the marriage between the parties celebrated on the 28th June, 2009, was declared null by a judgment given by the Metropolitan Tribunal of Malta on the 19th February, 2024, (Prot. No. 22,022, which judgment is definitive and executive according to law and this as confirmed by the decree of executability (attached to the application) dated 12th March, 2024.

Therefore the applicant respectfully requests this Honourable Court to order the registration of the decision of nullity of her marriage with the respondent above indicated, delivered as mentioned by the Metropolitan Tribunal of Malta and rendered executive according to the decree of executability and all this in terms of the Marriage Act, Chapter 255 of the Laws of Malta and under any measure that this Honourable Court of Appeal deems fit to impose.

Notification: ROBERT TANTI – 114, ĠLORMU CASSAR STREET, MOSTA.

Registry of the Superior Courts (Appeals) this day, 21st November 2024.

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2799

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-2 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 944/2017 fl-ismijiet Cambio Stile Limited vs Carmelo sive Charles Barbara, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Cambio Stile Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru. 944/2017 ppreżentat fil-15 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet premessi, l-appellant Carmelo sive Charles Barbara ħassu aggravat bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fl-14 ta' Ġunju,

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 2nd October, 2024, in the records of Application Number 944/2017 in the names Cambio Stile Limited vs Carmelo sive Charles Barbara, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the company Cambio Stile Limited in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Appeal Application No. 944/2017 filed on the 15th July, 2024, in the names premised, the appellant Carmelo sive Charles Barbara felt aggrieved by the judgment of the First Hall, Civil Court delivered on the 14th

2024, kemm kif din il-qorti interpretat il-fatti kif ukoll għal mod kif ġew ordnati l-ħlas tal-imgħaxijiet stante li s-soċjetà appellata għamet difetti fix-xogħlijiet li wettqet.

Għaldaqstant, l-appellant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li: fil-konfront tal-azzjoni prinċipali tiddikjara u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà u fil-konfront tal-azzjoni rikonvenzjonali tal-appellant, tikkonferma d-dikjarazzjoni tagħha li x-xogħlijiet a tenur tal-iskrittura tal-appalt tat-18 ta' Jannar, 2017, ma gewx ikkompletati billi ma sarux kollha skont is-sengħa u l-arti; tikkundanna lis-soċjetà appellata tħallas s-somma ta' [Eur] 43660 bl-imgħax legali mis-16 ta' Ottubru, 2017, sad-data tal-pagament effettiv u tordna li l-ispejjeż tar-rikonvenzjoni għandhom jiġu ssopportati mis-soċjetà appellata. Bl-ispejjeż kontra l-appellata.

Notifika: CAMBIO STILE LIMITED, 350, Naxxar Road, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum, 14 ta' Novembru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

June, 2024, both as regards the manner in which this Court interpreted the facts and the manner in which the payment of interest was ordered since the respondent company caused defects in the works it had carried out.

Therefore, the appellant humbly requests that this Honourable Court revokes the appealed judgment in the sense that: as regards the principal action it declares and dismisses the respondent company's claims, with costs against the same company and as regards the counter-claim by the appellant, it confirms its declaration that the works in terms of the contract of works of the 18th January, 2017, were not completed since they were not carried out in accordance with the standards of the trade; it condemns the respondent company to pay the sum of [EUR] 43660 with legal interests from the 16th October, 2017, till the date of effective payment and order that the costs of the counter-claim are to be borne by the respondent company. With costs against the respondent.

Notification: CAMBIO STILE LIMITED, 350, Naxxar Road, Birkirkara

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day, 14th November, 2024.

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.JUR,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2800

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Novembru ,2024, fl-atti tal-protest numru 418/2024, fl-ismijiet Ashot Boyajyan vs Armen Stepanian et noe, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Armen Stepanian a tenur tal-Artikolu 2130(2) tal-Kap 16.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 21 ta' Novembru, 2024

Ashot Boyajyan, detentur tal-Permess ta' Residenza Malti numru 0042873A

vs

Armen Stepanian (detentur tal-Passaport Russu Numru 64No2021565)

Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lil Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan (detentur tal-Passaport Russu numru 9799632) u Uspenskaya Irina Leonidova (detentur tal-Passaport Russu numru 4506314388)

Protest Ġudizzjarju ta' Ashot Boyajyan, detentur tal-Permess ta' Residenza Malti numru 0042873A

By means of a decree of the 22nd November, 2024, in the records of the protest number 418/2024, in the names Ashot Boyajyan vs Armen Stepanian et noe, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on Armen Stepanian in terms of Article 2130(2) of Chapter 16.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 21st November, 2024

Ashot Boyajyan, holder of Maltese Residency Permit number 0042873A

vs

Armen Stepanian (holder of Russian Passport Number 64No2021565)

Deputy Curators on behalf of Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan (holder of Russian Passport number 9799632) and Uspenskaya Irina Leonidova (holder of Russian Passport number 4506314388)

Judicial Protest of Ashot Boyajyan, holder of Maltese Residency Permit number 0042873A

Jesponi bir-rispett:

Illi l-protestanti Ashot Boyajyan qiegħed iressaq dan il-protest ġudizzjarju b'riferenza għall-Ipoteka Generali u l-Ipoteka Speċjali li huwa għandu reġistrata fuq l-appartament internament immarkat numru tnejn (2), li jifforma parti mill-Blokka uffiċjalment numerata ħamsa u tletin (35) bl-isem "Falcon Forge" fi Triq it-Torri, l-Imsida, kontra d-debituri Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan u Uspenskaya Irina Leonidova, kopja annessa u mmarkata 'Dok A';

Illi l-Kreditu fuq l-istess ipoteki hawn fuq imsemmija huwa fl-ammont ta' ħamsa u tmenin elf ewro (€85,000) bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma sa mill-1 ta' Ottubru, 2013, liema interessi llum laħqu is-somma ta' tmienja u sittin elf ewro (€68,000);

Illi l-appartament li fuqu hemm insinwata l-ipoteka speċjali u cioe l-appartament internament immarkat numru tnejn (2), li jifforma parti mill-Blokka uffiċjalment immarkata numru ħamsa u tletin (35) bl-isem "Falcon Forge" fi Triq it-Torri, Imsida inbiegħ permezz tas-subbasta numru 21/2018 fl-20 ta' Ottubru, 2022, lill-Protestat Armen Stepanian;

Illi stante li l-ipoteka speċjali tgawdi mid-diritto di seguito fuq il-proprjetà mgħobbija bl-istess ipoteka, l-Protestat Armen Stepanian (detentur tal-Passaport Russu Numru 64No2021565) għandu jħallas lill-Protestant Ashot Boyajyan is-somma ta' mija u tlieta u ħamsin elf ewro (€153,000) rappreżentanti s-sorte fl-ammont ta' ħamsa u tmenin elf ewro (€85,000) u l-interessi ta' tmienja u sittin elf ewro (€68,000);

Illi l-esponent diġà interpella lill-intimati permezz tal-protest ġudizzjarju numru 20/2024 ppreżentat quddiem din l-Onorabbli Qorti, iżda filwaqt li l-kuraturi ta' Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan wieġbu permezz ta' kontro protest numru 51/2024 li m'għandhom ebda kuntatt, Armen Sepanian baqa' inadempjenti.

Għaldaqtant, filwaqt li l-protestanti ipoġġi kemm lill-Protestati Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan u Uspenskaya Irina Leonidova u kemm lill-Protestat Armen Stepanian in dolo, mora et culpa, il-protestant qiegħed formalment jinterpellahom sabiex iħallsu is-somma tas-somma ta' mija u tlieta u ħamsin elf ewro (€153,000) lill-Protestant Ashot Boyajyan. Fin-nuqqas il-protestant se jkunu qed jieħdu l-passi kollha neċessarji skont il-liġi inkluż li jesegwixxi l-ipoteka speċjali permezz ta' subbasta.

Dan il-protest qed jiġi intavolat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, partikolarment l-artikolu 2072 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 356 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Respectfully submits:

That the Protestor Ashot Boyajyan is filing this judicial protest with reference to the General Hypothec and the Special Hypothec that he has registered on the apartment internally marked number two (2), which forms part of the Block offically numbered thirty-five (35) with the name "Falcon Forge" in Triq it-Torri, Msida, against the debtors Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan and Uspenskaya Irina Leonidova, copy attached and marked as 'Dok A';

That the Credit on the same Hypothecs mentioned above is in the amount of eighty-five thousand euros (€85,000) with the interest of eight percent (8%) per annum on the same sum from the 1st October, 2013, which interests today amounts to sixty-eight thousand euros (€68,000);

That the apartment on which the special Hypothec is registered, that is the apartment internally marked number two (2), which forms part of the Block officially numbered thirty-five (35) with the name "Falcon Forge" in Triq it -Torri, Msida was sold by judicial sale by auction number 21/2018 on the 20th of October, 2022, to the Protested Armen Stepanian;

That since the Special Hypothec is attached to the property burdened with the same Hypothec, the Protested Armenian Stepanian (holder of the Russian Passport Number 64No2021565) must pay the Protestor Ashot Boyajyan the sum of one hundred and fifty-three thousand euros (€153,000) representing the original debt of eighty-five thousand euros (€85,000) and the interests of sixty-eight thousand euros (€68,000);

That the interpellant has already solicited the respondents by means of judicial protest number 20/2024 filed before this Honourable Court, but whilst the curators of Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan pleaded by means of a counter protest number 51/2024 that they have no contact, Armenian Sepanian remained in default.

Now therefore, while the Protestor places the Protested Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan and Uspenskaya Irina Leonidova and the Protested Armen Stepanian in dolo, mora et culpa, the Protestor is formally calling upon them to pay the sum of one hundred and fifty-three thousand euros (€153,000) to the Protestor Ashot Boyajyan. In the absence, the Protestor will further his action according to law including the execution of the special Hypothec by means of another judicial sale by auction.

This protest is being filed for all the effects and purposes at law, particularly those stipulated in article 2072 of the Civil Code, Chapter 16 of the Laws of Malta and article 356 of the Code of Organisation and Civil Procedure, Chapter 12 of the Laws of Malta.

Tant sabiex il-Protestati jagħrfu jirregolaw ruħhom.

Bl-ispejjeż.

Protestanti: Ashot Boyajyan – Portomaso 1481, Vjal Portomaso, Paceville, San Ġiljan

Notifika: Armen Stepanian

Registru tal-Qrati Superjuri, illum, 27 ta' Novembru, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

For the Protested's guidance.

With costs.

Applicant – Ashot Boyajyan – Portomaso 1481, Vjal Portomaso, Paceville, San Ġiljan

Notification: Armen Stepanian

Registry of the Superior Courts today, 27th November, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Register, Civil Courts and Tribunals

2801

B'digriet tal-5 ta' Novembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-7 ta' Mejju, 2024, minn Bank of Valletta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833, Subbasta bin-numru 23/24 fl-ismijiet Bank of Valletta plc C2833 vs Josette Darmanin KI 531672M qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

L-appartament internament markat bin-numru erbgħa (4), formanti parti minn kumpless ta' bini bl-isem 'Montvale Court', 'Blokk E', fi Triq Apap Bologna, Marsaskala, u jinsab fil-ħames (5) livell tal-bini meta wieħed jikkunsidra l-iktar sular baxx tal-bini. L-appartament jikkonfina mill-Punent ma' Triq Apap Bologna, mit-Tramuntana u n-Nofsinhar ma' proprjetà ta' P & G Developments Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni (C38244) jew is-suċċessuri tagħha fit-titlu u jinkludi wkoll is-sehem pro rata tal-partijiet komuni tal-blokka rispettiva li jinsab fiha, inkluż imma mhux limitat għall-entratura, entrata, indani, taraġ, xafts, lift, ħitan diviżorji ma' proprjetà tal-ġirien, sistema tad-drenaġġ, sistemi komuni ta' plumbing u servizzi elettriċi, kif ukoll kull installazzjoni għall-ilma, elettriku u servizzi simili ta' pertinenza tal-blokka rispettiva fejn applikabbli però mingħajr bejt u arja tal-imsemmija blokk, liberu, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, filwaqt li jgawdi mid-drittijiet attivi u huwa suġġett għas-servitujiet passivi naxxenti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu , u

Il-garaxx internament immarkat bin-numru sitta (6) li jinsab fil-livell wieħed (1), li jiġi l-ewwel livell tal-bini tal-kumpless. Ir-rampa u d-drive in tal-kumpless tal-garaxxaijiet tagħti fuq Triq id-Dugħ, Marsaskala. Dan il-garaxx huwa konfinanti mill-irjieħ kollha mal-propjetà ta' P & G Developments Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C38244

By a decree given on the 5th November, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 7th May, 2024, by Bank of Valletta plc with the registration number C2833, Judicial Sale file number 23/24 in the names of Bank of Valletta plc C2833 vs Josette Darmanin ID 531672M being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The apartment internally marked number four (4) forming part of a building complex named 'Montvale Court', 'Blokk E', in Triq Apap Bologna, Marsaskala, and is situated on the fifth (5) level of the building considering the the lowest floor of the building. The apartment is bounded on the West by Triq Apap Bologna, on the North and South by property of P & G Developments Limited with the registration number C38244 or its successors in title and including also the pro rate share of the common parts of the respective block in which it is situated, including and but not limited the entrance, hall landings, stairs shafts, lift and the divided walls of the neigbours, drainage system, common plumbing systems and electrical service, as well as any installation for water, electricity and similar services of pertaining the respective block where applicable, but without roof and airspace of the said block, free, with all its rights and appurantences, while its enjoys the active rights and is subject to the passive servitudes arising from its position; and

The garage internally marked number six (6) situated on level one (1), which is the first level of the building of the complex. The ramp and drive in of the garage complex abuts on Triq id-Dugħ, Marsaskala. This garage is bounded on all compass points by the property of P & G Developments Limited with the registration number C38244 or its

jew is-suċċessuri tagħha fit-titlu u dan jinkludi is-sehem pro rata tal-partijiet komuni tal-kumpless tal-garaxxijiet, inkluż imma mhux limitat għall-entratura, drive in komuni, rampi, sistema tad-drenaġġ, plumbing u elettriku komuni u servizzi simili ta' pertinenza tal-kumpless ta' garaxxijiet fejn applikabbli imma mingħajr il-lift tal-imsemmi kumpless, liberu, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu filwaqt li jgawdi mid-drittijiet attivi u huwa suġġett għas-servitujiet passivi naxxenti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Josette Darmanin KI 531672M.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

successors in title and this including the pro rata share of the common parts of the garages complex, including but not limited for the entrance, common drive in, ramps, drainage system, common plumbing and electricity and similar services pertaining to the garage complex where applicable but without lift of the said complex, free ,with all its rights and appurtenances while its enjoys active rights and is subject to the passive servitudes arising from its relative position.

The said tenement is the property of Josette Darmanin ID531672M.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 26th November, 2024.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2802

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-28 ta' Awwissu, 2024, Rikors numru 759/2024, minn John Vella fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur John Vella s-suċċessjoni ta' Giuseppa sive Josephine Vella, armla ta' Emanuel Vella, bint il-mejtin Giuliano Micallef u Loreta Micallef nee Tanti, imwielda Tas-Sliema, Malta, kienet residenti n-Naxxar, Malta u mietet Bormla, Malta fis-16 ta' Frar, 2024, ta' 93 sena u li kellha karta tal-identita numru 081033(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum, 27 ta' Novembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

